03/04/2023
ESMA35-43-3172

Linji gwida

dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti tal-adegwatezza tal-MiFID II

Werrej

I. Ambitu 4
II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet 4
III. Għan 6
IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar 6
V. Linji gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti ta' adegwatezza tal-MiFID 7

I. Ambitu

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għal:

   a. L-Awtoritajiet Kompetenti u

   b. d-Ditti

Xiex?

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-Artikolu 25(2) tal-MiFID II u l-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II u japplikaw għall-forniment tas-servizzi ta' investiment li ġejjin elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I tal-MiFID II:

   - Pariri dwar investimenti;
   - immaniġġar tal-portafolli.

3. Dawn il-linji gwida prinċipalment jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn is-servizzi jiġu provduti lil klijenti mhux professjonali. Għandhom japplikaw ukoll, sa fejn ikun rilevanti, meta jiġu pprovduti servizzi lil klijenti professjonali, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II u l-Anness II tal-MiFID II.

Meta?

4. Dawn il-linji gwida japplikaw minn sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

   Il-linji gwida preċedenti tal-ESMA li ħarġu taħt il-MiFID II[1] se jieqfu japplikaw fl-istess data.

II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

Referenzi leġiżlattivi

Regolament tal-ESMA	Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.[2]

[1] ESMA35-43-1163 - - Linji gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti tal-adegwatezza tal-MiFID II.
[2] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/1253	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1253 tal-21 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/565 rigward l-integrazzjoni tal-fatturi, tar-riskji u tal-preferenzi ta' sostenibbiltà f'ċerti rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment.[3]
Ir-Regolament Delegat tal-MiFID II	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva.[4]
MiFID II	Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE.[5]

Definizzjonijiet

Prodott ta' investiment	Strument finanzjarju (skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(15) tal-MiFID II) jew depożitu strutturat (skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(43) tal-MiFID II).
Ditti	Ditti ta' investiment (kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tal-MiFID II) u istituzzjonijiet ta' kreditu (kif definiti fl-Artikolu 4(1)(27) tal-MiFID II) meta jipprovdu s-servizzi ta' investiment ta' konsulenza dwar l-investiment u l-immaniġġjar tal-portafoll elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I tal-MiFID II, ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (meta jbigħu jew jagħtu pariri lill-klijenti fir-rigward ta' depożiti strutturati), il-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS (kif definiti fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva dwar il-UCITS [6]) u l-Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMs) esterni (kif definiti fl-Artikolu 5(1)(a) tal-AIFMD[7] meta jipprovdu s-servizzi ta' investiment ta' mmaniġġjar tal-portafoll individwali jew ta' servizzi mhux ewlenin (skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3)(a) u (b)(i) tad-Direttiva dwar il-UCITS u l-Artikolu 6(4)(a) u (b)(i) tal-AIFMD).
Parir robotiku	L-għoti ta' servizzi ta' pariri dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafoll (b'mod sħiħ jew parzjali) permezz ta' sistema awtomatizzata jew semiawtomatizzata li tintuża bħala għodda b'interazzjoni diretta mal-klijent.

[3] ĠU L 277, 2.8.2021, p. 1.
[4] ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1.
[5] ĠU L 173, 12.06.2014, p. 349.
[6] Id-Direttiva 2009/65/KE
[7] Id-Direttiva 2011/61/UE

Valutazzjoni tal-adegwatezza	Il-proċess sħiħ tal-ġbir ta' informazzjoni dwar klijent u l-valutazzjoni sussegwenti mid-ditta li prodott ta' investiment partikolari jkun xieraq għalih, abbażi wkoll tal-fehim solidu tad-ditta tal-prodotti li hija tista' tirrakkomanda jew tinvesti fihom f'isem il-klijent.

III. Għan

5. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jiċċaraw l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti tar-rekwiżiti ta' adegwatezza tal-MiFID II sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-Artikolu 25(2) tal-MiFID II u tal-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

6. L-ESMA tistenna li dawn il-linji gwida jippromwovu aktar konverġenza fl-interpretazzjoni tar-rekwiżiti ta' adegwatezza tal-MiFID II u fl-approċċi superviżorji għalihom, billi jiġu enfasizzati għadd ta' kwistjonijiet importanti, u b'hekk jissaħħaħ il-valur tal-istandards eżistenti. Billi tgħin tiżgura li d-ditti jikkonformaw mal-istandards regolatorji, l-ESMA tantiċipa tisħiħ korrispondenti tal-protezzjoni tal-investitur.

IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status tal-linji gwida

7. Dan id-dokument jinkludi l-linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA.[8] F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

8. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq, inkluż fejn linji gwida partikolari jkunu immirati primarjament għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti, permezz tas-superviżjoni tagħhom, għandhom jiżguraw li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkonformaw mal-linji gwida.

Obbligi ta' rapportar

9. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida iridu jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn jikkonformawx jew hux biħsiebhom jikkonformaw mal-linji gwida kif ikun xieraq, filwaqt li jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità fejn dawn ma jikkonformawx jew mhumiex biħsiebhom li jikkonformaw, fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

10. Id-ditti mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk humiex konformi ma' dawn il-linji gwida.

[8] Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.

V. Linji gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti ta' adegwatezza tal-MiFID

I.I INFORMAZZJONI LILL-KLIJENTI DWAR L-ISKOP TAL-VALUTAZZJONI TAL-ADEGWATEZZA U L-AMBITU TAGĦHA

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikoli 24(1), 24(4) u 24(5) tal-MiFID II u l-Artikolu 54(1) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 1

11. Id-ditti għandhom jinfurmaw lill-klijenti tagħhom b'mod ċar u sempliċi dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza u l-għan tagħha li huwa li d-ditta tkun tista' taġixxi fl-aħjar interess tal-klijent. Din għandha tinkludi spjegazzjoni ċara li hija r-responsabbiltà tad-ditta li twettaq il-valutazzjoni, sabiex il-klijenti jifhmu r-raġuni għaliex jintalbu jipprovdu ċerta informazzjoni u l-importanza li din l-informazzjoni tkun aġġornata, preċiża u kompluta. Din l-informazzjoni tista' tiġi provduta f'format standardizzat.

Linji gwida ta' appoġġ

12. L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza għandha tgħin lill-klijenti jifhmu l-għan tar-rekwiżiti. Din għandha tħeġġiġhom jipprovdu informazzjoni preċiża u suffiċjenti dwar l-għarfien, l-esperjenza, is-sitwazzjoni finanzjarja (inkluża l-kapaċità tagħhom li jġorru t-telf), u l-objettivi ta' investiment tagħhom (inkluża t-tolleranza tar-riskju tagħhom). Id-ditti għandhom jenfasizzaw lill-klijenti tagħhom li huwa importanti li jiġbru informazzjoni kompluta u preċiża sabiex id-ditta tkun tista' tirrakkomanda prodotti u servizzi xierqa lill-klijent. Mingħajr din l-informazzjoni, id-ditti ma jistgħux jipprovdu servizzi ta' pariri dwar l-investiment u ta' mmaniġġjar tal-portafolli lill-klijenti.

13. Hija r-responsabbiltà tad-ditti li jiddeċiedu kif se jinfurmaw lill-klijenti tagħhom dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza. Madankollu, il-format li jintuża għandu jippermetti li jsiru kontrolli sabiex jiġi vverifikat jekk l-informazzjoni tkunx ġiet ipprovduta.

14. Id-ditti għandhom jevitaw milli jiddikjaraw, jew jagħtu l-impressjoni, li huwa l-klijent li jiddeċiedi dwar l-adegwatezza tal-investiment, jew li huwa l-klijent li jistabbilixxi liema strumenti finanzjarji huma adattati għall-profil tar-riskju tiegħu stess. Pereżempju, id-ditti għandhom jevitaw milli jindikaw lill-klijent li ċertu strument finanzjarju huwa l-istrument li l-klijent għażel bħala li huwa xieraq, jew li jeħtieġ lill-klijent jikkonferma li strument jew servizz ikun xieraq.

15. Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' ċaħda tar-responsabbiltà (jew tipi ta' stqarrijiet oħrajn simili) mmirata biex tillimita r-responsabbiltà tad-ditta għall-valutazzjoni tal-adegwatezza bl-ebda mod ma taffettwa l-karatterizzazzjoni tas-servizz li jiġi provdut fil-prattika lill-klijenti u lanqas il-valutazzjoni tal-konformità tad-ditta mar-rekwiżiti korrispondenti. Pereżempju, meta jkunu qed jiġbru informazzjoni dwar il-klijenti li tkun meħtieġa biex issir valutazzjoni tal-adegwatezza (bħall-perjodu ta' żamma/tal-ippjanar tal-investiment tagħhom jew

informazzjoni relatata mat-tolleranza tar-riskju), id-ditti ma għandhomx jistqarru li huma ma jivvalutawx l-adegwatezza.

16. Sabiex il-klijenti jiġu megħjuna jifhmu l-kunċett ta' "preferenzi ta' sostenibbiltà" introdott skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II u l-għażliet li għandhom isiru f'dan il-kuntest, id-ditti għandhom jispjegaw it-termini u d-differenzi bejn l-elementi differenti tad-definizzjoni tal-preferenzi ta' sostenibbiltà deskritti taħt il-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 2(7) kif ukoll bejn dawn il-prodotti u l-prodotti mingħajr karatteristiċi ta' sostenibbiltà bħal dawn b'mod ċar, filwaqt li jevitaw lingwaġġ tekniku. Id-ditti għandhom jispjegaw ukoll it-termini u l-kunċetti użati meta jirreferu għal aspetti ambjentali, soċjali u ta' governanza.

17. Sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet potenzjali fil-fehim tal-klijenti tas-servizzi li jiġu provduti permezz ta' parir robotiku, id-ditti għandhom jinfurmaw lill-klijenti, flimkien ma' informazzjoni oħra meħtieġa, dwar dan li ġej:

- spjegazzjoni ċara ħafna tal-grad u tal-livell preċiż tal-involviment uman u jekk u kif il-klijent jista' jistaqsi għal interazzjoni umana;
- spjegazzjoni li t-tweġibiet li l-klijenti jipprovdu se jkollhom impatt dirett biex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tad-deċiżjonijiet tal-investiment li jiġu rakkomandati jew li jsiru f'isimhom;
- deskrizzjoni tas-sorsi ta' informazzjoni li jintużaw biex jiġu ġġenerati pariri dwar l-investiment jew biex jiġi provdut is-servizz ta' mmaniġġjar tal-portafolli (eż., jekk jintuża kwestjonarju online, id-ditti għandhom jispjegaw li t-tweġibiet għall-kwestjonarju jistgħu jkunu l-unika bażi għall-parir robotiku jew jekk id-ditta jkollhiex aċċess għal informazzjoni jew kontijiet oħra tal-klijent);
- spjegazzjoni ta' kif u meta l-informazzjoni tal-klijent se tiġi aġġornata fir-rigward tas-sitwazzjoni, iċ-ċirkostanzi personali tiegħu, eċċ.

18. Diment li l-informazzjoni u r-rapporti kollha li jingħataw lill-klijenti għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti (inklużi obbligi dwar il-provvista ta' informazzjoni b'mezz li jservi għal żmien twil), id-ditti għandhom ukoll jikkunsidraw bir-reqqa jekk id-divulgazzjonijiet miktuba tagħhom humiex imfassla biex ikunu effettivi (eż., id-divulgazzjonijiet isiru disponibbli direttament għall-klijenti u ma jiġux moħbija jew ikunu inkomprensibbli). Għad-ditti li jipprovdu parir robotiku, b'mod partikolari dan jista' jinkludi:

- Titqiegħed enfasi fuq l-informazzjoni rilevanti (eż., permezz tal-użu ta' karatteristiċi ta' disinn bħal kaxxi li jitilgħu fuq l-iskrin);
- Jiġi kkunsidrat jekk xi informazzjoni għandhiex tiġi akkumpanjata b'test interattiv (eż., permezz tal-użu ta' karatteristiċi ta' disinn bħal tooltips) jew mezzi oħra biex jiġu provduti dettalji addizzjonali lill-klijenti li jkunu qed ifittxu aktar informazzjoni (eż., permezz tat-taqsima F.A.Q.).

I.II KUN AF IL-KLIJENT TIEGĦEK U KUN AF IL-PRODOTT TIEGĦEK

Arranġamenti neċessarji biex il-klijenti jiġu mifhuma

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikoli 16(2) u 25(2) tal-MiFID II u l-Artikoli 54(2) sa 54(5) u l-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 2

19. Id-ditti jridu jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu politiki u proċeduri xierqa (inklużi għodod xierqa) biex jippermettulhom jifhmu l-fatti u l-karatteristiċi essenzjali dwar il-klijenti tagħhom. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tal-informazzjoni li tinġabar dwar il-klijenti tagħhom issir b'mod konsistenti irrispettivament mill-mezzi li jintużaw biex tinġabar din l-informazzjoni.

Linji gwida ta' appoġġ

20. Il-politiki u l-proċeduri tad-ditti għandhom jippermettulhom jiġbru u jivvalutaw l-informazzjoni neċessarja kollha biex iwettqu valutazzjoni tal-adegwatezza għal kull klijent, filwaqt li jqisu l-elementi żviluppati fil-linja gwida 3.

21. Pereżempju, id-ditti jistgħu jużaw kwestjonarji (anki f'format diġitali) li jlestu l-klijenti tagħhom jew informazzjoni li tinġabar waqt diskussjonijiet li jsiru magħhom. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-mistoqsijiet li jistaqsu lill-klijenti tagħhom ikunu speċifiċi biżżejjed, aktarx jinftiehmu b'mod korrett u li kwalunkwe metodu ieħor li jintuża biex tinġabar l-informazzjoni ikun mfassal biex jikseb l-informazzjoni meħtieġa għal valutazzjoni tal-adegwatezza.

22. Meta jkunu qed ifasslu l-kwestjonarji mmirati biex jiġbru informazzjoni dwar il-klijenti tagħhom bil-ħsieb ta' valutazzjoni tal-adegwatezza, id-ditti għandhom ikunu konxji u għandhom jikkunsidraw l-aktar raġunijiet komuni għaliex l-investituri jistgħu jonqsu milli jwieġbu l-kwestjonarji b'mod korrett. B'mod partikolari:

    - Għandha tingħata attenzjoni għal kemm il-kwestjonarju jkun ċar, eżawrjenti u komprensiv, filwaqt li jiġi evitat lingwaġġ qarrieqi, li joħloq konfużjoni, impreċiż u tekniku żżejjed;

    - It-tqassim għandu jiġi elaborat bir-reqqa u għandu jevita milli jaffettwa l-għażliet tal-investituri (il-font, l-ispazju bejn il-linji...);

    - Il-preżentazzjoni ta' mistoqsijiet f'batteriji (il-ġbir ta' informazzjoni dwar serje ta' oġġetti permezz ta' mistoqsija waħda, b'mod partikolari meta jkunu qed jiġu vvalutati l-għarfien u l-esperjenza u t-tolleranza tar-riskju) għandha tiġi evitata;

    - Id-ditti għandhom jikkunsidraw bir-reqqa l-ordni li fiha jressqu l-mistoqsijiet sabiex jiġbru l-informazzjoni b'mod effettiv;

- Sabiex ikunu jistgħu jiżguraw li tinġabar l-informazzjoni neċessarja, il-possibbiltà li l-investituri ma jwiġbux ġeneralment ma għandhiex tkun disponibbli fil-kwestjonarji (b'mod partikolari meta tkun qed tinġabar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-investitur).

23. Id-ditti għandhom ukoll jieħdu passi raġonevoli biex jivvalutaw il-fehim tal-klijent tar-riskju tal-investiment kif ukoll tar-relazzjoni bejn ir-riskju u r-redditu fuq l-investimenti, għaliex dan huwa ċentrali sabiex id-ditti jkunu jistgħu jaġixxu f'konformità mal-aħjar interess tal-klijent meta jkunu qed iwettqu l-valutazzjoni tal-adegwatezza. Meta jkunu qed iressqu mistoqsijiet f'dan ir-rigward, id-ditti għandhom jispjegaw b'mod ċar u sempliċi li l-għan li dawn jingħataw tweġiba huwa biex jgħinu jivvalutaw l-attitudni tal-klijenti għar-riskju (il-profil tar-riskju), u għalhekk it-tipi ta' strumenti finanzjarji (u r-riskji marbutin magħhom) li huma xierqa għalihom.

24. L-informazzjoni neċessarja biex issir valutazzjoni tal-adegwatezza tinkludi elementi differenti li jistgħu jaffettwaw, pereżempju, l-analiżi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijent (inkluża l-kapaċità tiegħu li jġorr it-telf) jew l-objettivi tal-investiment tiegħu (inkluża t-tolleranza tar-riskju tiegħu). Eżempji ta' dawn l-elementi huma:

- l-istatus ċivili tal-klijent (speċjalment il-kapaċità legali tiegħu li jikkommetti assi li jistgħu jappartjenu wkoll għas-sieħeb/sieħba tiegħu);

- is-sitwazzjoni tal-familja tiegħu (bidliet fis-sitwazzjoni tal-familja ta' klijent jistgħu jaffettwaw is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu eż. it-twelid ta' tifel/tifla jew l-età biex dan/din tibda tmur l-università);

- l-età (li primarjament hija importanti sabiex tiġi żgurata valutazzjoni korretta tal-objettivi tal-investiment, u b'mod partikolari l-livell ta' riskju finanzjarju li l-investitur huwa lest li jieħu, kif ukoll il-perjodu ta' żamma/tal-ippjanar tal-investiment, li jindika x-xewqa li investiment jinżamm għal ċertu perjodu ta' żmien);

- is-sitwazzjoni tal-impjieg tiegħu (il-grad tas-sigurtà tal-impjieg jew il-fatt li l-klijent ikun qrib l-irtirar jistgħu jaffettwaw is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu jew l-objettivi tal-investiment tiegħu);

- il-ħtieġa għal-likwidità f'ċerti investimenti rilevanti jew il-ħtieġa li jiġi ffinanzjat impenn finanzjarju futur (eż. ix-xiri ta' proprjetà, spejjeż tal-edukazzjoni).

25. Meta jkunu qed jiddeterminaw liema informazzjoni tkun neċessarja, id-ditti għandhom jikkunsidraw l-impatt li kwalunkwe bidla sinifikanti li tirrigwarda dik l-informazzjoni jista' jkollha fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza.

26. L-informazzjoni dwar il-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent għandha tinkludi l-aspetti kollha msemmija fid-definizzjoni ta' "preferenzi ta' sostenibbiltà" skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II u għandha tkun granulari biżżejjed biex tippermetti tqabbil tal-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent mal-karatteristiċi relatati mas-

sostenibbiltà tal-istrumenti finanzjarji. Id-ditti għandhom jiġbru l-informazzjoni li ġejja mill-klijenti:

- Jekk il-klijent għandux xi preferenzi ta' sostenibbiltà (iva/le).
- Jekk il-klijent iwieġeb "iva" għall-mistoqsija preċedenti, jekk il-klijent għandux preferenzi ta' sostenibbiltà fir-rigward ta' wieħed jew aktar mill-punti (a), (b) jew (c) tad-definizzjoni skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.
- Għall-aspetti (a) u (b), il-proporzjon minimu.
- Għall-aspett (c), liema impatti avversi prinċipali (PAI) għandhom jiġu kkunsidrati inklużi kriterji kwantitattivi jew kwalitattivi li juru dik il-kunsiderazzjoni.

Matul il-proċess, id-ditti għandhom jadottaw approċċ newtrali u imparzjali biex ma jinfluwenzawx it-tweġibiet tal-klijenti.

27. Biex jinkiseb dan, id-ditti jistgħu jagħżlu l-approċċ li ġej:

- Id-ditti jistgħu jiġbru informazzjoni dwar il-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent li tkun tirreferi għal wieħed jew aktar mill-aspetti espressi permezz tal-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II. Dan l-aspett jista' jiġi vvalutat permezz ta' mistoqsijiet iva/le magħluqa.
- Id-ditti jistgħu jiġbru wkoll informazzjoni dwar jekk il-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent fir-rigward tal-punti (b) u (c), jekk ikun hemm, għandhomx enfasi fuq fatturi ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali jew ta' governanza jew fuq taħlita tagħhom jew jekk il-klijent għandux tali enfasi.
- Meta l-klijent jesprimi preferenzi f'termini tal-"proporzjon minimu" kif imsemmi fil-punti (a) u (b), id-ditti jistgħu jiġbru din l-informazzjoni mhux f'termini ta' perċentwal eżatt iżda skont perċentwali minimi. Dawn il-perċentwali għandhom jiġu ppreżentati b'mod newtrali lill-klijent u għandhom ikunu granulari biżżejjed. Id-ditti jistgħu, pereżempju, jgħinu lill-klijent jidentifika l-proporzjon minimu billi l-proporzjon minimu jiġi approssimizzat bi proporzjonijiet minimi standardizzati, bħal "minimu ta' 20 %, minimu ta' 25 %, minimu ta' 30 %, eċċ.".
- F'każ li l-klijent ikun jixtieq jinkludi strument finanzjarju li jqis il-PAI, l-informazzjoni miġbura għandha tkopri l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi tal-PAI skont c). Id-ditti jistgħu jittestjaw il-preferenzi u x-xewqa tal-klijent għall-integrazzjoni tal-PAI fir-rigward tal-familji tal-indikaturi tal-PAI b'mod ġenerali, abbażi ta' enfasi possibbli tal-klijent fuq l-aspetti ambjentali, soċjali jew ta' governanza, bl-użu tal-kategoriji ppreżentati fl-SFDR RTS[9] (minflok approċċ ibbażat fuq kull indikatur tal-PAI) bħall-emissjonijiet, il-prestazzjoni tal-enerġija, l-ilma u l-iskart, eċċ.

[9] IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1288

Imbagħad tista' tinbeda evalwazzjoni għal kull kategorija li tkun importanti/ewlenija għall-klijent jew le. Din l-evalwazzjoni kwalitattiva tista' tkun ibbażata fuq l-approċċi li fihom il-prodotti jikkunsidraw il-PAI (eż., strateġiji ta' esklużjoni / politiki kontroversjali / politiki ta' votazzjoni u involviment).

F'każ li l-klijent ikun jixtieq jinkludi strument finanzjarju li jikkunsidra l-PAI, id-ditti jistgħu jistaqsu wkoll lill-klijent jekk hemmx attivitajiet ekonomiċi speċifiċi li, abbażi tal-PAIs rilevanti, li jixtieq jeskludi mill-investimenti tiegħu (pereżempju, attivitajiet ekonomiċi speċifiċi li jitqiesu bħala ta' dannu sinifikanti skont il-qafas tat-tassonomija tal-UE u/jew li huma kontra l-fehmiet ambjentali u etiċi tal-klijent u li huma marbutin ma' ċerti impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà).

28. Id-ditti għandu jkollhom fis-seħħ politiki u struzzjonijiet għall-persunal tagħhom li jiffaċċja l-klijent għal sitwazzjonijiet fejn il-klijenti jwieġbu li għandhom preferenzi ta' sostenibbiltà iżda ma jiddikjarawx preferenza fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-aspetti speċifiċi msemmija skont il-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 2(7) tal-Regolament Delegat tal-MiFID II jew fir-rigward ta' proporzjon minimu. Pereżempju, id-ditta tista' tikkunsidra kwalunkwe wieħed mill-aspetti skont il-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat. Meta d-ditti jagħmlu użu minn dan l-approċċ, għandhom jispjegaw dan u jinfurmaw lill-klijent dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-prodott(i) ta' investiment rakkomandat(i) jew li fuqhom id-ditta se tinvesti f'isem il-klijent u jiddokumentaw fir-rapport ta' adegwatezza[10] l-għażla tal-klijent li ma jispeċifikax aktar il-preferenzi ta' sostenibbiltà. Id-ditti għandhom jiżguraw li jkun hemm arranġamenti simili fis-seħħ meta d-ditti jipprovdu servizzi ta' parir robotiku minħabba l-interazzjoni limitata tal-bniedem.

29. Meta jipprovdu l-immaniġġjar tal-portafoll jew pariri dwar l-investiment b'approċċ tal-portafoll, id-ditti għandhom jiġbru informazzjoni dwar il-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent bl-istess granularità kif stabbilit fil-paragrafi 26 u 27 ta' hawn fuq. Id-ditti għandhom jistaqsu wkoll lill-klijent liema parti/perċentwal tal-portafoll (jekk ikun hemm) il-klijent jixtieq li jiġi investit fi prodotti li jissodisfaw il-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent. Meta d-ditti jaħdmu b'portafolli mudell li jikkombinaw uħud mill-kriterji jew il-kriterji kollha elenkati fil-paragrafu 26 ta' hawn fuq, dawn il-portafolli mudell għandhom jippermettu valutazzjoni granulari tal-preferenzi tal-klijent u m'għandhomx jissarrfu fi kwestjonarju li jisforza lill-klijent f'ċertu kombinazzjoni tal-kriterji li ma jissodisfawx il-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent.[11]

30. Id-ditti għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jivvalutaw b'mod suffiċjenti l-fehim tal-klijenti tagħhom tal-karatteristiċi u tar-riskji ewlenin relatati mat-tipi ta' prodotti fl-offerta tad-ditta. L-adozzjoni ta' mekkaniżmi mid-ditti biex jevitaw l-awtovalutazzjoni u jiżguraw il-konsistenza tat-tweġibiet li jiġu provduti mill-klijent[12] hija partikolarment importanti għall-valutazzjoni korretta tal-għarfien u tal-esperjenza tal-klijent. L-informazzjoni li tinġabar mid-ditti dwar l-għarfien u l-esperjenza ta' klijent għandha tiġi kkunsidrata

[10] "Ir-rapport ta' adegwatezza huwa d-"dikjarazzjoni ta' adegwatezza" msemmija fl-Artikolu 25 tal-MiFID II".
[11] Dan il-paragrafu għandu jinqara flimkien mal-paragrafu. 87 tal-linji gwida.
[12] Ara l-linja gwida 4.

flimkien għall-istima ġenerali tal-fehim tiegħu tal-prodotti u tar-riskji involuti fit-tranżazzjonijiet rakkomandati jew fl-immaniġġjar tal-portafoll tiegħu.

31. Huwa importanti wkoll li d-ditti jagħmlu stima tal-fehim tal-klijent ta' kunċetti finanzjarji bażiċi bħar-riskju tal-investiment (inkluż ir-riskju tal-konċentrazzjoni) u l-kompromess tar-riskju u tar-redditu. Għal dan il-għan, id-ditti għandhom jikkunsidraw li jużaw eżempji indikattivi u komprensibbli tal-livelli ta' telf/redditu li jistgħu jirriżultaw skont il-livell ta' riskju li jittieħed, u għandhom jivvalutaw ir-rispons tal-klijent għat-tali xenarji.

32. Id-ditti għandhom ifasslu l-kwestjonarji tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġbru l-informazzjoni neċessarja dwar il-klijent tagħhom. Dan jista' jkun partikolarment rilevanti għad-ditti li jipprovdu servizzi ta' pariri robotiċi minħabba l-interazzjoni umana limitata. Sabiex jiżguraw il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti li jikkonċernaw dik il-valutazzjoni, id-ditti għandhom iqisu fatturi bħal:

- Jekk l-informazzjoni li tinġabar permezz tal-kwestjonarju online tippermettix lid-ditta tasal għall-konklużjoni li l-parir li jkun ġie provdut ikunx xieraq għall-klijenti tagħhom abbażi tal-għarfien u tal-esperjenza tagħhom, tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u tal-objettivi u tal-ħtiġijiet tal-investiment tagħhom;

- Jekk il-mistoqsijiet fil-kwestjonarju humiex biżżejjed ċari u/jew jekk il-kwestjonarju huwiex imfassal biex jipprovdi aktar kjarifika jew eżempji lill-klijenti meta jkun neċessarju (eż., permezz tal-użu ta' karatteristiċi ta' disinn, bħal tool-tips jew kaxex li jitilgħu fuq l-iskrin);

- Jekk xi interazzjoni umana (inkluża interazzjoni remota permezz ta' emails jew permezz ta' mowbajls) tkunx disponibbli lill-klijenti meta jkunu qed jirrispondu l-kwestjonarju online;

- Jekk ittiħdux xi passi biex jiġu indirizzati risponsi inkonsistenti tal-klijenti (bħall-inkorporazzjoni ta' karatteristiċi ta' disin fil-kwestjonarju biex iwissu lill-klijenti meta t-tweġibiet tagħhom internament ma jidhrux konsistenti u jissuġġerulhom jerġgħu jikkunsidraw tali risponsi; jew l-implimentazzjoni ta' sistemi biex awtomatikament jimmarkaw informazzjoni li tidher inkonsistenti li tiġi provduta minn klijent għal rieżami jew segwitu mid-ditta).

L-ammont ta' informazzjoni li għandha tingħabar mill-klijenti (proporzjonalità)

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikolu 25(2) tal-MiFID II u l-Artikoli 54(2) sa 54(5) u l-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 3

33. Qabel ma jipprovdu servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli, id-ditti jeħtieġ li jiġbru l-"informazzjoni neċessarja"[13] kollha dwar l-għarfien u l-esperjenza, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-objettivi ta' investiment tal-klijent. L-ammont ta' informazzjoni "neċessarja" jista' jvarja u jrid iqis il-karatteristiċi tas-servizzi ta' pariri dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli li għandhom jiġu provduti, it-tip u l-karatterisitiċi tal-prodotti ta' investiment li għandhom jiġu kkunsidrati u l-karatteristiċi tal-klijenti.

Linji gwida ta' appoġġ

34. Waqt li jkunu qed jiddeterminaw liema informazzjoni hija "neċessarja", id-ditti għandhom jikkunsidraw, fir-rigward tal-għarfien u tal-esperjenza ta' klijent, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-objettivi ta' investiment:

    - it-tip ta' strument finanzjarju jew tranżazzjoni li d-ditta tista' tirrakkomanda jew tidħol fiha (inklużi l-kumplessità u l-livell tar-riskju);
    - in-natura u l-ammont tas-servizz li d-ditta tista' tipprovdi;
    - il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-klijent;
    - it-tip ta' klijent.

35. Filwaqt li l-ammont tal-informazzjoni li għandha tingħabar jista' jvarja, l-istandard biex jiġi żgurat li rakkomandazzjoni jew investiment li jkunu saru f'isem il-klijent ikunu xierqa għall-klijent dejjem se jibqa' l-istess. Il-MiFID tippermetti lid-ditti jiġbru l-livell ta' informazzjoni proporzjonat għall-prodotti u għas-servizzi li joffru, jew dwar liema servizzi ta' pariri dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli jitlob il-klijent. Dan ma jippermettix lid-ditti jbaxxu l-livell ta' protezzjoni dovuta lill-klijenti.

36. Pereżempju, meta jkunu qed jipprovdu aċċess għal strumenti finanzjarji kumplessi[14] jew riskjużi[15], id-ditti għandhom jikkunsidraw bir-reqqa jekk għandhomx bżonn jiġbru aktar informazzjoni dettaljata dwar il-klijent milli kieku jiġbru meta jkunu involuti strumenti inqas kumplessi jew riskjużi. Dan sabiex id-ditti jkunu jistgħu jivvalutaw il-kapaċità tal-klijent li

[13] "Informazzjoni neċessarja" għandha tinftiehem bħala li tfisser l-informazzjoni li d-ditti jridu jiġbru sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' adegwatezza skont il-MiFID II.
[14] Kif jiġi definit fil-MiFID II u filwaqt li jitqiesu l-kriterji identifikati fil-linja gwida 7.
[15] Hija r-responsabbiltà ta' kull ditta li tiddefinixxi *a priori* l-livell ta' riskju tal-istrumenti finanzjarji inklużi fl-offerta tagħha lill-investituri filwaqt li jitqiesu, fejn ikun disponibbli, il-linji gwida possibbli maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tad-ditta.

jifhem, u finanzjament iġorr, ir-riskji assoċjati ma' dawn l-istrumenti.[16] Għal dawn il-prodotti kumplessi, l-ESMA tistenna li d-ditti jwettqu valutazzjoni robusta, fost oħrajn tal-għarfien u tal-esperjenza tal-klijent, inkluż, pereżempju, il-kapaċità tiegħu li jifhem il-mekkaniżmi li jagħmlu l-prodott tal-investiment "kumpless", jekk il-klijent diġà jkunx innegozja f'dawn il-prodotti (pereżempju, prodotti derivattivi jew ta' ingranaġġ), it-tul ta' żmien kemm ilu jinnegozjahom, eċċ.

37. Għal strumenti finanzjarji illikwidi[17], l-"informazzjoni neċessarja" li għandha tingħabar se tinkludi informazzjoni dwar it-tul ta' żmien li għalih il-klijent huwa ppreparat li jżomm l-investiment. Peress li l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' klijent dejjem se jkollha bżonn tinaġabar, l-ammont ta' informazzjoni li għandha tingħabar jista' jiddependi mit-tip ta' strumenti finanzjarji li għandhom jiġu rakkomandati jew li l-klijent jidħol fihom. Pereżempju, għal strumenti finanzjarji illikwidi jew riskjużi, "informazzjoni neċessarja" li għandha tingħabar tista' tinkludi l-elementi kollha li ġejjin skont kif ikun neċessarju sabiex jiġi żgurat jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijent tippermettilux jinvesti jew jiġix investit f'dawn l-istrumenti:

- l-ammont tal-introjtu regolari u tal-introjtu totali tal-klijent, irrispettivament minn jekk l-introjtu jinkisibx fuq bażi permanenti jew temporanja, u s-sors ta' dan l-introjtu (pereżempju, mill-impjieg, l-introjtu mill-irtirar, l-introjtu mill-investiment, ir-rendiment mill-kiri, eċċ.);

- l-assi tal-klijenti, inklużi assi likwidi, investimenti u proprjetà immobbli, li jinkludu liema investimenti finanzjarji, proprjetà personali u għall-investiment, fondi tal-pensjoni u kwalunkwe depożitu tal-flus, eċċ. li l-klijent jista' jkollu. Id-ditta għandha, fejn ikun rilevanti, tiġbor informazzjoni wkoll dwar il-kundizzjonijiet, it-termini, l-aċċess, is-self, il-garanziji u restrizzjonijiet oħra, jekk ikun applikabbli, għall-assi ta' hawn fuq li jistgħu jeżistu.

- l-impenji finanzjarji regolari tal-klijent, li jinkludu x'impenji finanzjarji l-klijent ikun għamel jew ikollu l-ħsieb li jagħmel (id-djun tal-klijent, l-ammont totali tal-pożizzjoni ta' dejn u impenji perjodiċi oħra, eċċ.).

38. Waqt li jkunu qed jiddeterminaw l-informazzjoni li għandha tingħabar, id-ditti għandhom iqisu wkoll in-natura tas-servizz li għandu jiġi provdut. Prattikament, dan ifisser li:

- meta għandhom jiġu pprovduti pariri dwar l-investiment, id-ditti għandhom jiġbru biżżejjed informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw il-kapaċità tal-klijent li jifhem ir-riskji u n-natura ta' kull strument finanzjarju li d-ditta tipprevedi li tirrakkomanda lil dak il-klijent;

[16] Fi kwalunkwe każ, sabiex jiżguraw li l-klijenti jifhmu r-riskju tal-investiment u t-telf potenzjali li jistgħu jġorru, id-ditta għandha, sa fejn ikun possibbli, tippreżenta dawn ir-riskji b'mod ċar u li jinftiehem, potenzjalment billi tuża eżempji illustrattivi tal-ammont ta' telf f'każ li investiment ikun sejjer ħażin.

[17] Hija r-responsabbiltà ta' kull ditta li tiddefinixxi *a priori* liema strumenti finanzjarji li jiġu inklużi fl-offerta tagħha lill-investituri hija tikkunsidra li jkunu illikwidi, filwaqt li tqis, fejn ikun disponibbli, il-linji gwida possibbli maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tad-ditta.

- meta għandu jiġi pprovdut immaniġġjar tal-portafolli, peress li d-deċiżjonijiet ta' investiment għandhom isiru mid-ditta f'isem il-klijent, il-livell ta' għarfien u esperjenza meħtieġa mill-klijent fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kollha li potenzjalment jistgħu jfasslu l-portafoll jistgħu jkunu inqas dettaljati mil-livell li l-klijent għandu jkollu meta għandu jiġi provdut servizz ta' pariri dwar l-investiment. Madankollu, anki f'dawn is-sitwazzjonijiet, il-klijent għandu mill-inqas jifhem ir-riskji ġenerali tal-portafoll u jkollu fehim ġenerali tar-riskji marbutin ma' kull tip ta' strument finanzjarju li jista' jiġi inkluż fil-portafoll. Id-ditti għandhom jiksbu fehim u għarfien ċari ħafna tal-profil tal-investiment tal-klijent.

39. Bl-istess mod, il-livell tas-servizz mitlub mill-klijent jista' jħalli impatt ukoll fuq il-livell ta' dettall tal-informazzjoni li tingħabar dwar il-klijent. Pereżempju, id-ditti għandhom jiġbru aktar informazzjoni dwar il-klijenti li jitolbu pariri dwar l-investiment li jkopri l-portafoll finanzjarju sħiħ tagħhom milli dwar il-klijenti li jitolbu parir speċifiku dwar kif jinvestu ammont partikolari ta' flus li jirrappreżenta parti relattivament żgħira tal-portafoll ġenerali tagħhom.

40. Id-ditti għandhom iqisu wkoll in-natura tal-klijent meta jkunu qed jiddeterminaw l-informazzjoni li għandha tingħabar. Pereżempju, informazzjoni aktar dettaljata normalment ikollha bżonn tingħabar għal klijenti potenzjalment vulnerabbli (bħalma jistgħu jkunu klijent aktar anzjani) jew għal dawk mhux esperjenzati li jitolbu servizzi ta' pariri dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli għall-ewwel darba. Meta ditta tipprovdi servizzi ta' pariri dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli lil klijent professjonali (li ġie kklassifikat tajjeb bħala tali), hija tkun intitolata li tassumi li l-klijent ikollu l-livell neċessarju ta' esperjenza u għarfien, u għalhekk ma tkunx meħtieġa tiġbor informazzjoni dwar dawn l-aspetti.

41. Bl-istess mod, meta s-servizz tal-investiment jikkonsisti mill-provvista ta' pariri dwar l-investiment lil "klijent professjonali per se"[18], id-ditta hija intitolata li tassumi li l-klijent ikun finanzjament kapaċi jġorr kwalunkwe riskju tal-investiment b'mod konsistenti mal-objettivi tal-investiment ta' dak il-klijent u għalhekk, ġeneralment ma tkunx meħtieġa tikseb informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijent. Madankollu, din l-informazzjoni għandha tinkiseb meta l-objettivi tal-investiment tal-klijent jitolbuha. Pereżempju, meta l-klijent ikun qed ifittex li jkopri r-riskju ('hedging'), id-ditta se jkollha bżonn tikseb informazzjoni dettaljata dwar dak ir-riskju sabiex tkun tista' tipproponi strument effettiv għall-kopertura ('hedging').

42. L-informazzjoni li għandha tingħabar se tiddependi wkoll mill-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-klijent. Pereżempju, ditta aktarx ikollha bżonn aktar informazzjoni dettaljata dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijent meta l-objettivi tal-investiment tal-klijent ikunu diversi u/jew fit-tul, milli meta klijent ifittex investiment sigur fuq perjodu ta' żmien qasir. [19]

[18] Kif ġie stabbilit fit-Taqsima 1 tal-Anness II tal-MiFID II ("Kategoriji ta' klijenti li huma kkunsidrati bħala professjonisti").
[19] Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet meta l-klijent ma jkunx irid jiddivulga s-sitwazzjoni finanzjarja sħiħa tiegħu. Għal din il-mistoqsija partikolari ara l-Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar is-suġġetti tal-protezzjoni tal-investituri tal-MiFID II (ESMA35-43-349)

43. L-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijent tinkludi informazzjoni rigward l-investimenti tiegħu. Dan jimplika li d-ditti huma mistennija li jkollhom informazzjoni dwar l-investimenti finanzjarji li l-klijent ikollu mad-ditta fuq bażi ta' strument bi strument. Skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-pariri li jiġu provduti, id-ditti għandhom iħeġġu wkoll lill-klijenti biex jiddivulgaw dettalji dwar l-investimenti finanzjarja li għandhom ma' ditti oħra, jekk ikun possibbli wkoll fuq bażi ta' strument bi strument.

Affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-klijent

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikolu 25(2) tal-MiFID II, u l-Artikolu 54(7), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 4

44. Id-ditti għandhom jieħdu passi raġonevoli u jkollhom għodod xierqa sabiex jiżguraw li l-informazzjoni li tinġabar dwar il-klijenti tagħhom tkun affidabbli u konsistenti, mingħajr ma tiddependi żżejjed mill-awtovalutazzjoni tal-klijenti.

Linji gwida ta' appoġġ

45. Il-klijenti huma mistennija li jipprovdu informazzjoni korretta, aġġornata u kompluta neċessarja għall-valutazzjoni tal-adegwatezza. Madankollu, id-ditti għandhom bżonn jieħdu passi raġonevoli biex jivverifikaw l-affidabbiltà, il-preċiżjoni u l-konsistenza tal-informazzjoni li tinġabar dwar il-klijenti.[20] Id-ditti jibqgħu responsabbli biex jiżguraw li jkollhom l-informazzjoni neċessarja biex iwettqu valutazzjoni tal-adegwatezza. F'dan ir-rigward, kwalunkwe ftehim li jiġi ffirmat mill-klijent, jew divulgazzjoni li ssir mid-ditta, li jkollha l-għan li tillimita r-responsabbiltà tad-ditta fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza, ma jitqiesx bħala konformi mar-rekwiżiti rilevanti fil-MiFID II u fir-Regolament Delegat relatat.

46. L-awtovalutazzjoni għandha tiġi kontrobilanċjata minn kriterji oġġettivi. Pereżempju:

- minflok ma tistaqsi jekk klijent jifhimx il-kunċetti ta' kompromess bejn ir-riskju u r-redditu u d-diversifikazzjoni tar-riskju, id-ditta għandha tippreżenta xi eżempji prattiċi ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jseħħu fil-prattika, pereżempju permezz ta' graffs jew permezz ta' xenarji pożittivi u negattivi li huma bbażati fuq suppożizzjonijiet raġonevoli;

- Minflok ma tistaqsi lil klijent jekk għandux biżżejjed għarfien dwar il-karatteristiċi u r-riskji ewlenin ta' tipi speċifiċi ta' prodotti ta' investiment, id-ditta għandha pereżempju tistaqsi mistoqsijiet immirati lejn l-evalwazzjoni tal-għarfien reali tal-klijent dwar it-tipi speċifiċi ta' prodotti ta' investiment, pereżempju billi tistaqsi lill-klijent mistoqsijiet b'għażla multipla li l-klijent għandu jipprovdi t-tweġiba t-tajba tagħhom;

[20] Meta jkunu qed jittrattaw mal-klijenti professjonali, id-ditti għandhom iqisu l-prinċipji tal-proporzjonalità kif imsemmi fil-linja gwida 3, f'konformità mal-Artikolu 54(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

- minflok ma tistaqsi lill-klijent jekk iħossux biżżejjed esperjenzat biex jinvesti f'ċerti prodotti, id-ditta tista' tistaqsi lill-klijent x'tipi ta' prodotti l-klijent huwa familjari magħhom u kemm l-esperjenza tan-negozjar tiegħu magħhom hija riċenti u frekwenti;

- minflok ma tistaqsi lill-klijenti jekk jemmnux li għandhom biżżejjed fondi x'jinvestu, id-ditta tista' titlob lill-klijenti jipprovdu informazzjoni fattwali dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, eż. is-sors regolari tal-introjtu u jekk jeżistux xi obbligazzjonijiet pendenti (bħal kreditu bankarju jew djun oħra, li jistgħu jħallu impatt sinifikanti fuq il-valutazzjoni tal-kapaċità tal-klijent li finanzjament iġorr kwalunkwe riskju u telf relatat mal-investiment);

- minflok ma tistaqsi jekk klijent iħossux komdu jieħu r-riskju, id-ditta tista' tistaqsi lill-klijent liema livell ta' telf fuq perjodu ta' żmien partikolari huwa jkun lest li jaċċetta, jew fuq l-investiment individwali jew fuq il-portafoll ġenerali.

47. Fil-valutazzjoni tal-għarfien u l-esperjenza ta' klijent, ditta għandha tevita wkoll l-użu ta' mistoqsijiet ġenerali żżejjed b'tip ta' tweġiba iva/le jew approċċ ta' awtovalutazzjoni wiesa' ħafna billi r-rispondent jimmarka kaxxa (pereżempju, id-ditti għandhom jevitaw li jissottomettu lista ta' prodotti ta' investiment lill-klijent u jitolbuh jindika liema prodotti jifhem). Meta d-ditti jimlew minn qabel it-tweġibiet abbażi tal-istorja tat-tranżazzjonijiet tal-klijent ma' dik id-ditta (eż., permezz ta' servizz ieħor ta' investiment), huma għandhom jiżguraw li tintuża biss informazzjoni kompletament oġġettiva, pertinenti u affidabbli u li l-klijent jingħata l-opportunità li jirrieżamina u, jekk meħtieġ, jikkoreġi u/jew jimla kull waħda mit-tweġibiet mimlija minn qabel biex tiġi żgurata l-preċiżjoni ta' kwalunkwe informazzjoni mimlija minn qabel. Id-ditti għandhom ukoll joqogħdu lura milli jbassru l-esperjenza tal-klijenti abbażi ta' suppożizzjonijiet.

48. Meta jkunu qed jivvalutaw it-tolleranza tar-riskju tal-klijenti tagħhom permezz ta' kwestjonarju, id-ditti mhux biss għandhom jinvestigaw il-karatteristiċi tar-riskju u tar-redditu mixtieqa tal-investimenti futuri, iżda għandhom iqisu wkoll il-perċezzjoni tar-riskju tal-klijent. Għal dan il-għan, filwaqt li l-awtovalutazzjoni għat-tolleranza tar-riskju għandha tiġi evitata, jistgħu jiġu ppreżentati mistoqsijiet espliċiti dwar l-għażliet personali tal-klijenti fil-każ ta' inċertezza dwar riskju. Barra minn dan, id-ditti jistgħu, pereżempju, jużaw grafiċi, perċentwali speċifiċi jew figuri konkreti meta jkunu qed jistaqsu lill-klijent kif jirreaġixxi meta l-valur tal-portafoll tiegħu jonqos.

49. Fejn id-ditti jiddependu minn għodod li għandhom jintużaw mill-klijenti bħala parti mill-proċess tal-adegwatezza (bħal kwestjonarji jew softwer li jagħmel profil tar-riskju), huma għandhom jiżguraw li jkollhom sistemi u kontrolli xierqa sabiex jiżguraw li l-għodod ikunu adatti għall-iskop u jipproduċu riżultati sodisfaċenti. Pereżempju, is-softwer li jagħmel profil tar-riskju jista' jinkludi xi kontrolli ta' koerenza tat-tweġibiet li jiġu provduti mill-klijenti sabiex jiġu enfasizzati l-kontradizzjonijiet bejn biċċiet ta' informazzjoni differenti li jinġabru.

50. Id-ditti għandhom jieħdu passi raġonevoli wkoll sabiex jimmitigaw riskji potenzjali assoċjati mal-użu ta' dawn l-għodda. Pereżempju, jistgħu jirriżultaw riskji potenzjali jekk

il-klijenti jiġu mħeġġa jipprovdu ċerti tweġibiet sabiex jinkiseb aċċess għal strumenti finanzjarji li jistgħu ma jkunux xierqa għalihom (mingħajr ma jirriflettu tajjeb iċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet reali tal-klijenti)[21].

51. Sabiex jiżguraw il-konsistenza tal-informazzjoni dwar il-klijent, id-ditti għandhom jaraw l-informazzjoni li tinġabar kollha kemm hi. Id-ditti għandhom joqogħdu attenti għal kwalunkwe kontradizzjoni rilevanti bejn biċċiet ta' informazzjoni differenti li jinġabru, u jikkuntattjaw lill-klijent sabiex isolvu kwalunkwe inkonsistenza jew impreċiżjoni materjali potenzjali. Eżempji ta' tali kontradizzjonijiet huma klijenti li jkollhom għarfien baxx jew ftit esperjenza u attitudni aggressiva għar-riskju, jew li jkollhom profil tar-riskju prudenti u objettivi tal-investiment ambizzjużi.

52. Id-ditti għandhom jadottaw mekkaniżmi sabiex jindirizzaw ir-riskju li l-klijenti jista' jkollhom it-tendenza li jistmaw iżżejjed l-għarfien u l-esperjenza tagħhom, pereżempju billi jinkludu mistoqsijiet li jgħinu lid-ditti jivvalutaw il-fehim ġenerali tal-klijenti dwar il-karatteristiċi u r-riskji tat-tipi differenti ta' strumenti finanzjarji. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu partikolarment importanti fil-każ ta' parir robotiku, peress li r-riskju ta' stima żejda mill-klijenti jista' jirriżulta ogħla meta dawn jipprovdu informazzjoni permezz ta' sistema awtomatizzata (jew semiawtomatizzata), speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn tiġi prevista interazzjoni umana limitata ħafna jew ma tiġi prevista l-ebda interazzjoni umana bejn il-klijenti u l-impjegati tad-ditta.

Aġġornament tal-informazzjoni dwar il-klijent

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikolu 25(2) tal-MiFID II, is-subparagrafu 2 tal-Artikolu 54(7) u l-Artikolu 55(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 5

53. Meta ditta jkollha relazzjoni kontinwa mal-klijent (bħall-provvista ta' servizzi ta' pariri jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli kontinwi), sabiex hija tkun tista' twettaq il-valutazzjoni tal-adegwatezza, hija għandha tadotta proċeduri li jiddefinixxu:

    (a) liema parti tal-informazzjoni dwar il-klijent li tinġabar għandha tkun soġġetta għal aġġornament u f'liema frekwenza;

    (b) kif għandu jsir l-aġġornament u x'azzjoni għandha tittieħed mid-ditta meta informazzjoni addizzjonali jew aġġornata tiġi riċevuta jew meta l-klijent jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

Linji gwida ta' appoġġ

54. Id-ditti għandhom jirrieżaminaw regolarment l-informazzjoni dwar il-klijent sabiex jiżguraw li din ma ssirx manifestament skaduta, impreċiża jew inkompleta. Għal dan il-

[21] F'dan ir-rigward, ara wkoll il-paragrafu 54 tal-Linja Gwida 5, li jindirizza r-riskju li l-klijenti jiġu influwenzati mid-ditti biex jibdlu t-tweġibiet li qabel ikunu provdew, mingħajr ma jkun hemm modifika reali fis-sitwazzjoni tagħhom.

għan, id-ditti għandhom jimplimentaw proċeduri sabiex iħeġġu lill-klijenti jaġġornaw l-informazzjoni li ġiet provduta oriġinarjament fejn iseħħu bidliet sinifikanti.

55. Il-frekwenza tal-aġġornament tista' tvarja skont, pereżempju, il-profili tar-riskju tal-klijenti u meta jitqies it-tip ta' strument finanzjarju rakkomandat. Abbażi tal-informazzjoni li tinġabar dwar klijent skont ir-rekwiżiti tal-adegwatezza, ditta se tiddetermina l-profil tar-riskju tal-investiment ta' klijent, jiġifieri x'tip ta' servizzi ta' investiment jew strumenti finanzjarji b'mod ġenerali jistgħu jkunu xierqa għalih filwaqt li jitqiesu l-għarfien u l-esperjenza tiegħu, is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu (inkluża l-kapaċità tiegħu li jġorr it-telf) u l-objettivi tal-investiment tiegħu (inkluża t-tolleranza tar-riskju tiegħu). Pereżempju, profil tar-riskju li jagħti lill-klijent aċċess għal firxa usa' ta' prodotti aktar riskjużi huwa element li aktarx jirrikjedi aġġornament aktar frekwenti. Ċerti avvenimenti jistgħu wkoll jiskattaw proċess ta' aġġornament; dan jista' jsir, pereżempju, għal klijenti li jkunu qed jilħqu l-età tal-irtirar.

56. L-aġġornament jista', pereżempju, isir matul laqgħat perjodiċi ma' klijenti jew billi jintbagħat kwestjonarju ta' aġġornament lill-klijenti. Azzjonijiet rilevanti jistgħu jinkludu l-bdil tal-profil tal-klijent abbażi tal-informazzjoni aġġornata miġbura.

57. Fir-rigward tal-preferenzi ta' sostenibbiltà ta' klijent, din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata - għal relazzjonijiet kontinwi – mill-aktar fis possibbli permezz tal-aġġornament regolari li jmiss tal-informazzjoni dwar il-klijent wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/1253. Il-klijenti għandhom jingħataw l-opportunità li jkollhom il-profil tagħhom aġġornat immedjatament jekk ikunu jixtiequ hekk. Meta l-klijent ma jitlobx aġġornament immedjat tal-profil tiegħu, u matul il-perjodu ta' qabel l-akkwist mid-ditta tal-informazzjoni dwar il-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent, il-klijent se jitqies bħala "newtrali għas-sostenibbiltà" u għalhekk, f'konformità mal-paragrafu 85, il-klijent jista' jiġi rrakkomandat prodotti kemm b'karatteristiċi relatati mas-sostenibbiltà, kif ukoll mingħajrhom".

58. Huwa importanti wkoll li d-ditti jadottaw miżuri biex jimmitigaw ir-riskju li jikkawżaw lill-klijent jaġġorna l-profil tiegħu stess sabiex prodott ta' investiment partikolari li normalment ma jkunx xieraq għalih jiġi ppreżentat bħala xieraq, mingħajr ma jkun hemm modifika reali fis-sitwazzjoni tal-klijent[22]. Bħala eżempju ta' prattika tajba biex jiġi indirizzat dan it-tip ta' riskju, id-ditti jistgħu jadottaw proċeduri sabiex jiġi vverifikat, qabel jew wara li jsiru tranżazzjonijiet, jekk il-profil ta' klijent ikunx ġie aġġornat frekwenti żżejjed jew biss wara perjodu ta' żmien qasir mill-aħħar modifika (speċjalment jekk din il-bidla seħħet fil-jiem eżatt ta' qabel investiment rakkomandat). Għalhekk, dawn is-sitwazzjonijiet jiġu skalati jew irrapportati lill-funzjoni tal-kontroll rilevanti. Dawn il-politiki u l-proċeduri huma partikolarment importanti f'sitwazzjonijiet fejn hemm riskju akbar li l-interess tad-ditta jista' jidħol f'kunflitt mal-aħjar interessi tal-klijenti tagħha, eż. f'sitwazzjonijiet ta' sejba ta' impjieg mill-persuna nnifisha jew meta d-ditta tirċievi inċentivi għat-tqassim ta' prodott. Fattur rilevanti ieħor li għandu jiġi kkunsidrat f'dan il-kuntest

[22] F'dan il-kuntest huma rilevanti wkoll il-miżuri li jiġu adottati sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-klijenti kif deskritt skont il-paragrafu 44 tal-linja gwida 4.

huwa wkoll it-tip ta' interazzjoni li sseħħ mal-klijent (eż. wiċċ imb wiċċ vs permezz ta' sistema awtomatizzata)[23].

59. Id-ditti għandhom jinfurmaw lill-klijent meta l-informazzjoni addizzjonali provduta tirriżulta f'bidla fil-profil tiegħu, jekk isirx aktar riskjuż (u għalhekk, potenzjalment, firxa usa' ta' prodotti aktar riskjużi u kumplessi jistgħu jirriżultaw xierqa għalih, bil-potenzjal li jirriżultaw f'telf akbar) jew viċeversa aktar konservattiv (u, għalhekk, potenzjalment, firxa ta' prodotti aktar ristretta bħala riżultat tista' tkun xierqa għalih).

Informazzjoni dwar il-klijent għal entitajiet jew gruppi legali

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikolu 25(2) tal-MiFID II u l-Artikolu 54(6) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 6

60. Id-ditti jrid ikollhom politika li fuq bażi *ex ante* tiddefinixxi kif issir il-valutazzjoni tal-adegwatezza f'sitwazzjonijiet fejn klijent ikun persuna fiżika jew grupp ta' żewġ persuni fiżiċi jew aktar jew fejn persuna fiżika waħda jew aktar jiġu rrappreżentati minn persuna fiżika oħra. Din il-politika, għal kull waħda minn dawk is-sitwazzjonijiet, għandha tispeċifika l-proċedura u l-kriterji li għandhom jiġu segwiti sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-adegwatezza tal-MiFID II. Id-ditta għandha, b'mod ċar, tinforma *ex-ante* lill-klijenti tagħha li jkunu entitajiet legali, gruppi ta' persuni jew persuni fiżiċi rrappreżentati minn persuna fiżika, dwar min għandu jkun soġġett għall-valutazzjoni tal-adegwatezza, kif se ssir il-valutazzjoni tal-adegwatezza fil-prattika u l-impatt possibbli li din jista' jkollha għall-klijenti rilevanti, f'konformità mal-politika eżistenti.

Linji gwida ta' appoġġ

61. Id-ditti għandhom jikkunsidraw jekk il-qafas legali nazzjonali applikabbli jipprovdix indikazzjonijiet speċifiċi li għandhom jitqiesu bl-għan li ssir il-valutazzjoni tal-adegwatezza (dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta l-ħatra ta' rappreżentant legali tkun meħtieġa mil-liġi: eż. għal persuni taħt l-età jew inabilitati jew għal persuna ġuridika).

62. Il-politika għandha tagħmel distinzjoni aktar ċara bejn sitwazzjonijiet fejn rappreżentant jiġi previst skont il-liġi nazzjonali applikabbli, bħalma jista' jkun il-każ pereżempju għall-persuni ġuridiċi, u sitwazzjonijiet fejn ma jiġi previst l-ebda rappreżentant, u din għandha tiffoka fuq dawn is-sitwazzjonijiet tal-aħħar. Fejn il-politika tipprevedi ftehimiet bejn il-klijenti, dawn għandhom jiġu mgħarrfa b'mod ċar u bil-miktub dwar l-effetti li dawn il-ftehimiet jista' jkollhom fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi rispettivi tagħhom. Il-passi li jittieħdu mid-ditta f'konformità mal-politika tagħha għandhom jiġu dokumentati b'mod xieraq sabiex jippermettu kontrolli *ex-post*.

[23] F'dan ir-rigward, ara wkoll il-kjarifiki li ġew provduti diġà mill-ESMA fil-Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar is-suġġetti tal-protezzjoni tal-investituri tal-MiFID II (Ref: ESMA35-43-349 – Mistoqsija dwar "Tranżazzjonijiet fuq prodotti mhux xierqa").

Sitwazzjonijiet fejn rappreżentant jiġi previst skont il-liġi nazzjonali applikabbli

63. Is-subparagrafu 2 tal-Artikolu 54(6) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II jiddefinixxi kif għandha ssir il-valutazzjoni tal-adegwatezza fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn il-klijent ikun persuna fiżika rrappreżentata minn persuna fiżika oħra jew ikun persuna ġuridika li tkun talbet trattament bħala klijent professjonali. Jidher li hija kwistjoni raġonevoli li l-istess approċċ jiġi applikat għall-persuni ġuridiċi kollha, irrispettivament mill-fatt li setgħu talbu li jiġu ttrattati bħala professjonisti jew le.

64. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-proċeduri tagħhom jinkorporaw b'mod adegwat dan l-Artikolu fl-organizzazzjoni tagħhom, li, fost oħrajn, jimplika li huma jivverifikaw li r-rappreżentant – skont il-liġi nazzjonali rilevanti – huwa fil-fatt awtorizzat biex iwettaq tranżazzjonijiet f'isem il-klijent sottostanti.

Sitwazzjonijiet fejn ma jiġi previst l-ebda rappreżentant skont il-liġi nazzjonali applikabbli

65. Fejn il-klijent ikun grupp ta' żewġ persuni fiżiċi jew aktar u ma jiġi previst l-ebda rappreżentant skont il-liġi nazzjonali applikabbli, il-politika tad-ditta għandha tidentifika mingħand min se tinġabar l-informazzjoni neċessarja u kif se ssir il-valutazzjoni tal-adegwatezza. Il-klijenti għandhom jiġu infurmati b'mod xieraq dwar l-approċċ tad-ditta (kif jiġi deċiż fil-politika tad-ditta) u l-impatt ta' dan l-approċċ fuq il-mod kif il-valutazzjoni tal-adegwatezza ssir fil-prattika.

66. Approċċi bħal dawn li ġejjin possibbilment jistgħu jiġu kkunsidrati mid-ditti:

(a) huma jistgħu jagħżlu li jistiednu lill-grupp ta' żewġ persuni fiżiċi jew aktar biex jaħtar rappreżentant; jew,

(b) huma jistgħu jikkunsidraw li jiġbru informazzjoni dwar kull klijent individwali u jivvalutaw l-adegwatezza għal kull klijent individwali.

Stedina biex il-grupp ta' żewġ persuni fiżiċi jew aktar jaħtar rappreżentant

67. Jekk il-grupp ta' żewġ persuni fiżiċi jew aktar jaqbel li jaħtar rappreżentant, jista' jiġi segwit l-istess approċċ bħal dak deskritt fis-subparagrafu 2 tal-Artikolu 54(6) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II: l-għarfien u l-esperjenza għandhom ikunu dawk tar-rappreżentant, filwaqt li s-sitwazzjoni finanzjarja u l-objettivi tal-investiment ikunu dawk tal-klijent(i) sottostanti. Din il-ħatra għandha ssir bil-miktub kif ukoll skont il-liġi nazzjonali applikabbli u f'konformità magħha, u rreġistrata mid-ditta rilevanti. Il-klijenti - parti mill-grupp - għandhom jiġu infurmati b'mod ċar, u bil-miktub, dwar l-impatt li ftehim bejn il-klijenti jista' jkollu fuq il-protezzjoni tal-interessi rispettivi tagħhom.

68. Madankollu, il-politika tad-ditta tista' tirrikjedi lill-klijent(i) sottostanti biex jaqbel(jaqblu) dwar l-objettivi tal-investiment tiegħu(tagħhom).

69. Jekk il-partijiet involuti jkollhom diffikultajiet biex jiddeċiedu l-persuna/i li mingħandhom għandha tinġabar l-informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza, il-bażi li fuqha għandha

tiġi ddeterminata s-sitwazzjoni finanzjarja bl-għan tal-valutazzjoni tal-adegwatezza jew biex jiġu ddefiniti l-objettivi tal-investiment tagħhom, id-ditta għandha tadotta l-approċċ l-aktar prudenti billi tqis, kif ikun meħtieġ, l-informazzjoni dwar il-persuna bl-inqas għarfien u esperjenza, bis-sitwazzjoni finanzjarja l-aktar dgħajfa jew bl-objettivi tal-investiment l-aktar konservattivi. Inkella, il-politika tad-ditta tista' tispeċifika wkoll li hija mhux se tkun tista' tipprovdi servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli f'tali sitwazzjoni. Id-ditti għandhom mill-inqas ikunu prudenti kull meta jkun hemm differenza sinifikanti fil-livell ta' għarfien u esperjenza jew fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-parti tal-klijenti differenti tal-grupp, jew meta s-servizzi ta' pariri dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli jistgħu jinkludu strumenti finanzjarji ingranati jew tranżazzjonijiet ta' obbligazzjonijiet kontinġenti li jippreżentaw riskju ta' telf sinifikanti li jista' jaqbeż l-investiment inizjali tal-grupp ta' klijenti u għandhom jiddokumentaw l-approċċ li jintgħażel.

Ġbir ta' informazzjoni dwar kull klijent individwali u valutazzjoni tal-adegwatezza għal kull klijent individwali

70. Meta ditta tiddeċiedi li tiġbor l-informazzjoni u tivvaluta l-adegwatezza għal kull parti ta' klijenti individwali tal-grupp, jekk ikun hemm differenzi sinifikanti bejn il-karatteristiċi ta' dawn il-klijenti individwali (pereżempju, jekk id-ditta tikklassifikahom taħt profili ta' investiment differenti), tqum il-mistoqsija dwar kif tiġi żgurata l-konsistenza tas-servizzi ta' pariri dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli li jiġu provduti fir-rigward tal-assi jew tal-portafoll ta' dak il-grupp ta' klijenti. F'tali sitwazzjoni, strument finanzjarju jista' jkun xieraq għal parti waħda ta' klijenti tal-grupp iżda mhux għall-oħra. Il-politika tad-ditta għandha tispeċifika b'mod ċar kif hija se tittratta dawn is-sitwazzjonijiet. Għal darb'oħra, hawnhekk id-ditta għandha tadotta l-approċċ l-aktar prudenti billi tqis l-informazzjoni dwar il-parti tal-klijenti tal-grupp bl-inqas għarfien u esperjenza, bis-sitwazzjoni finanzjarja l-aktar dgħajfa jew bl-objettivi tal-investiment l-aktar konservattivi. Inkella, il-politika tad-ditta tista' tispeċifika wkoll li hija mhux se tkun tista' tipprovdi servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli f'tali sitwazzjoni. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li l-ġbir tal-informazzjoni dwar il-parti tal-klijenti kollha tal-grupp u l-kunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-valutazzjoni, ta' profil medju tal-livell ta' għarfien u kompetenza tagħhom kollha, aktarx ma jkunux konformi mal-prinċipju globali tal-MiFID II tal-azzjoni fl-aħjar interessi tal-klijenti.

Arranġamenti neċessarji biex il-prodotti ta' investiment jiġu mifhuma

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikoli 16(2) u 25(2) tal-MiFID II, u l-Artikolu 54(9) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 7

71. Id-ditti għandhom jiżguraw li l-politiki u l-proċeduri implimentati biex jiġu mifhuma l-karatteristiċi, in-natura u l-aspetti (inklużi l-ispejjeż u r-riskji) tal-prodotti ta' investiment jippermettulhom jirrakkomandaw investimenti xierqa, jew li jinvestu fi prodotti xierqa f'isem il-klijenti tagħhom.

72. Id-ditti għandhom jadottaw proċeduri, metodoloġiji u għodod robusti u oġġettivi li jippermettulhom jikkunsidraw b'mod xieraq il-karatteristiċi differenti u fatturi tar-riskju rilevanti (bħar-riskju ta' kreditu, ir-riskju tas-suq, ir-riskju ta' likwidità[24], ...) ta' kull prodott ta' investiment li jistgħu jirrakkomandaw jew jinvestu fih f'isem il-klijenti. Dan għandu jinkludi l-kunsiderazzjoni tal-analiżi tad-ditta li tkun saret għall-finijiet tal-obbligi ta' governanza tal-prodotti[25]. F'dan il-kuntest, id-ditti għandhom jivvalutaw bir-reqqa kif ċerti prodotti jistgħu jġibu ruħhom taħt ċerti ċirkostanzi (eż. bonds konvertibbli jew strumenti oħra ta' dejn soġġetti għad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek[26] li tista', pereżempju, tibdel in-natura tagħhom f'ishma). Minħabba li l-livell ta' "kumplessità" tal-prodotti huwa partikolarment importanti, u dan għandu jitqabbel mal-informazzjoni dwar klijent (b'mod partikolari rigward l-għarfien u l-esperjenza tiegħu). Minkejja li l-kumplessità hija terminu relattiv, li jiddependi minn diversi fatturi, id-ditti għandhom iqisu l-kriterji u l-prinċipji identifikati fil-MiFID II, meta jkunu qed jiddefinixxu u jikklassifikaw b'mod xieraq il-livell ta' kumplessità li għandu jiġi attribwit għall-prodotti għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-adegwatezza.

73. Meta jitqiesu l-fatturi ta' sostenibbiltà tal-prodotti fid-dawl tat-tqabbil sussegwenti mal-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent, id-ditti jistgħu, pereżempju, jikklassifikaw u jaggruppaw l-istrumenti finanzjarji inklużi fil-firxa ta' prodotti li joffru f'termini ta': i) il-proporzjon investit f'attivitajiet ekonomiċi li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli (kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament dwar it-Tassonomija); ii) il-proporzjon ta' investimenti sostenibbli (kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (17), tal-SFDR); iii) il-kunsiderazzjoni ta' impatti avversi prinċipali u karatteristiċi oħra ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ta' governanza. Tali raggruppament għandu jkun konsistenti wkoll mal-analiżi tad-ditta mwettqa għall-finijiet tal-obbligi ta' governanza tal-prodotti. Id-ditti huma mfakkra li raggruppament ta' strumenti finanzjarji għall-fini tal-valutazzjoni tal-adegwatezza ma jistax jissostitwixxi l-ġbir ta' informazzjoni mill-klijenti kif deskritt fil-paragrafi 26 u 27 hawn fuq.

74. Id-ditti għandhom jadottaw proċeduri sabiex jiżguraw li l-informazzjoni li tintuża biex jiġu mifhuma u jiġu kklassifikati tajjeb il-prodotti ta' investiment li jiġu inklużi fl-offerta tal-prodott tagħhom tkun affidabbli, preċiża, konsistenti u aġġornata. Meta jkunu qed jadottaw dawn il-proċeduri, id-ditti għandhom iqisu l-karatteristiċi u n-natura differenti tal-prodotti kkunsidrati (pereżempju, prodotti aktar kumplessi b'karatteristiċi partikolari jistgħu jirrikjedu proċessi aktar dettaljati u d-ditti ma għandhomx jiddependu biss minn fornitur tad-data wieħed sabiex jifhmu u jikklassifikaw il-prodotti ta' investiment iżda

[24] Huwa partikolarment importanti li r-riskju ta' likwidità identifikat ma jiġix ibbilanċjat b'indikaturi ta' riskji oħra (bħal, pereżempju, dawk adottati għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu/tal-kontroparti u r-riskju tas-suq). Dan għaliex il-karatteristiċi tal-likwidità tal-prodotti għandhom jitqabblu mal-informazzjoni dwar ir-rieda tal-klijent li jżomm l-investiment għal ċertu perjodu ta' żmien, jiġifieri l-hekk imsejjaħ "perjodu ta' żamma".

[25] B'mod partikolari, il-MiFID II jirrikjedi lil kull ditta (skont is-subparagrafu 2 tal-Artikolu 24(2)) "*tifhem l-istrumenti finanzjarji li toffri jew tirrakkomanda*" sabiex tkun tista' tikkonforma mal-obbligu tagħha li tiżgura l-kompatibbiltà bejn il-prodotti offruti jew rakkomandati u s-suq fil-mira relatat tal-klijenti aħħarin.

[26] Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190-348).

għandhom jivverifikaw u jisfidaw din id-data jew iqabblu d-data li tiġi provduta minn diversi sorsi ta' informazzjoni).

75. Barra minn hekk, id-ditti għandhom jirrieżaminaw l-informazzjoni li tintuża sabiex ikunu jistgħu jirriflettu kwalunkwe bidla rilevanti li tista' taffettwa l-klassifikazzjoni tal-prodott. Dan huwa partikolarment importanti, filwaqt li jitqiesu l-evoluzzjoni kontinwa u l-veloċità tat-tkabbir tas-swieq finanzjarji.

I.III TQABBIL TA' KLIJENTI MA' PRODOTTI XIERQA

Arranġamenti neċessarji sabiex jiġi żgurat l-adegwatezza ta' investiment

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikolu 16(2) u 25(2) tal-MiFID II, u l-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 8

76. Sabiex il-klijenti jitqabblu ma' investimenti xierqa, id-ditti għandhom jistabbilixxu politiki u proċeduri sabiex jiżguraw li huma jqisu b'mod konsistenti:

- l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-klijent neċessarja għall-valutazzjoni ta' jekk investiment ikunx xieraq, inkuż il-portafoll attwali ta' investiment tal-klijent (u l-allokazzjoni tal-assi fi ħdan dak il-portafoll);

- il-karatteristiċi materjali kollha tal-investimenti kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-adegwatezza, inklużi r-riskji rilevanti kollha u kwalunkwe spiża diretta jew indiretta lill-klijent.[27]

Linji gwida ta' appoġġ

77. Id-ditti huma mfakkra li l-valutazzjoni tal-adegwatezza mhijix limitata għal rakkomandazzjonijiet biex jinxtara strument finanzjarju. Kull rakkomandazzjoni trid tkun xierqa, irrispettivament minn jekk tkunx, pereżempju, rakkomandazzjoni biex jinxtara, jinżamm jew jinbigħ investiment, jew biex dan ma jsirx[28].

78. Id-ditti li jiddependu minn għodod fil-proċess tal-valutazzjoni tal-adegwatezza (bħal mudelli ta' portafolli, softwer għall-allokazzjoni tal-assi jew għodda li tagħmel profil tar-riskju għall-investimenti potenzjali) għandu jkollhom sistemi u kontrolli xierqa sabiex jiżguraw li l-għodod ikunu adatti għall-iskop u jipproduċu riżultati sodisfaċenti.

79. F'dan ir-rigward, l-għodod għandhom jitfasslu sabiex iqisu l-ispeċifiċitajiet rilevanti kollha ta' kull klijent jew prodott ta' investiment. Pereżempju, għodod li jikklassifikaw il-klijenti jew il-prodotti ta' investiment b'mod mifrux ma jkunux adatti għall-iskop.

---

[27] Ara l-Artikoli 50 u 51 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II li jirrigwarda l-obbligu li l-klijenti jiġu infurmati dwar l-ispejjeż.
[28] Ara l-premessa 87 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II kif ukoll il-paragrafu 31 tat-taqsima IV tal-KRET, Nifhmu d-definizzjoni ta' konsulenza skont il-MiFID, mistoqsija u tweġibiet, 19 ta' April 2010, KRET/10-293.

80. Ditta għandha tistabbilixxi politiki u proċeduri li jippermettulha tiżgura, fost l-oħrajn, li:

- is-servizzi ta' pariri u ta' mmaniġġjar tal-portafolli li jiġu provduti lill-klijent iqisu grad xieraq ta' diversifikazzjoni tar-riskju;
- il-klijent ikollu fehim adegwat tar-relazzjoni bejn ir-riskju u r-redditu, jiġifieri tar-remunerazzjoni neċessarjament baxxa tal-assi mingħajr riskju, tal-inċidenza tal-perjodu tal-ippjanar fuq din ir-relazzjoni u tal-impatt tal-ispejjeż fuq l-investimenti tiegħu;
- is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijent tkun tista' tiffinanzja l-investimenti u l-klijent ikun jista' jġorr kwalunkwe telf possibbli li jirriżulta mill-investimenti;
- kwalunkwe rakkomandazzjoni personali jew tranżazzjoni li l-klijent jidħol fiha matul il-provvista ta' servizz ta' pariri dwar l-investiment jew ta' mmaniġġjar tal-portafolli, meta jkun involut prodott illikwidu, tqis il-perjodu ta' żmien li għalih il-klijent huwa lest li jżomm l-investiment; u
- kwalunkwe kunflitt ta' interess jiġi evitat milli jaffettwa ħażin il-kwalità tal-valutazzjoni tal-adegwatezza.

81. Il-preferenzi tas-sostenibbiltà għandhom jiġu indirizzati biss ladarba l-adegwatezza tkun ġiet ivvalutata f'konformità mal-kriterji tal-għarfien u l-esperjenza, is-sitwazzjoni finanzjarja u objettivi oħra ta' investiment. Ladarba l-firxa ta' prodotti xierqa tkun ġiet identifikata wara din il-valutazzjoni, fit-tieni pass, il-prodott jew, fir-rigward tal-immaniġġjar tal-portafoll jew tal-parir dwar l-investiment b'approċċ ta' portafoll, għandha tiġi identifikata strateġija ta' investiment li tissodisfa l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent.

82. Meta ditta jkollha l-ħsieb li tirrakkomanda prodott li ma jissodisfax il-preferenzi inizjali għas-sostenibbiltà tal-klijent fil-kuntest tal-parir dwar l-investiment kif imsemmi fil-Premessa 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/1253, tista' tagħmel dan biss ladarba l-klijent ikun adatta il-preferenzi tas-sostenibbiltà tiegħu. L-ispjegazzjoni tad-ditta fir-rigward tar-raġuni għaliex wieħed għandu jirrikorri għal tali possibbiltà kif ukoll id-deċiżjoni tal-klijent għandhom jiġu ddokumentati fir-rapport ta' adegwatezza. Id-ditti huma mfakkra li din il-possibbiltà tirreferi biss għall-preferenzi ta' sostenibbiltà u li fir-rigward tal-kriterji l-oħra tal-valutazzjoni tal-adegwatezza, il-prodott irid jissodisfa l-profil tal-klijent u inkella ma għandux jiġi rrakkomandat kif iddikjarat fl-Artikolu 54(10) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

83. Meta klijent jadatta l-preferenzi tas-sostenibbiltà, dan l-adattament għandu jirreferi biss għall-parir dwar l-investiment inkwistjoni u mhux għall-profil tal-klijent b'mod ġenerali. F'każ ta' parir dwar l-investiment, l-adattament għandu jiġi ddokumentat ukoll fir-rapport dwar l-adegwatezza u jkun soġġett għall-proċeduri ta' monitoraġġ regolari. Wara li l-klijent ikun esprima l-intenzjoni li jadatta l-preferenzi tiegħu, u mhux qabel, id-ditta tista' tiddivulga lill-klijent informazzjoni dwar l-offerta tagħha ta' prodotti b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà.

84. Fil-każ ta' mmaniġġjar tal-portafoll, il-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijent, inkluż il-proporzjon minimu li għandu jiġi investit f'investimenti b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà, jeħtieġ li jinġabru u jiġu vvalutati meta jintlaħaq qbil dwar il-mandat u l-istrateġija ta' investiment. Jekk id-ditta ma tkunx tista' tissodisfa dawk il-preferenzi, għandha tiddiskuti dan mal-klijent meta tiftiehem dwar il-mandat li fih tiġi definita l-istrateġija ta' investiment u tistaqsi lill-klijent jekk jixtieqx jadatta l-preferenzi tiegħu. Id-deċiżjoni tal-klijent għandha tiġi rreġistrata fil-mandat.

Meta jipprovdu pariri dwar l-investiment b'approċċ ta' portafoll, id-ditti għandhom jivvalutaw il-preferenzi tas-sostenibbiltà tal-klijent inkluż il-proporzjon minimu meta jwettqu l-valutazzjoni inizjali tal-adegwatezza. Imbagħad id-ditta għandha timmonitorja jekk dawk il-preferenzi għadhomx issodisfati jew le fil-livell tal-portafoll u toħroġ rakkomandazzjonijiet xierqa skont il-każ.

Fil-każ ta' mmaniġġjar tal-portafoll jew ta' parir dwar l-investiment b'approċċ tal-portafoll, jekk il-klijent jadatta l-preferenzi tas-sostenibbiltà wara l-valutazzjoni inizjali tal-adegwatezza, id-ditti għandhom jevalwaw l-impatt ta' din il-bidla u jekk dan jikkawżax riekwilibriju tal-portafoll.

85. Meta klijent ma jweġibx il-mistoqsija dwar jekk għandux preferenzi ta' sostenibbiltà jew iwieġeb "le", id-ditta tista' tikkunsidra lil dan il-klijent bħala "newtrali għas-sostenibbiltà" u tirrakkomanda prodotti kemm b'karatteristiċi relatati mas-sostenibbiltà kif ukoll mingħajrhom.

86. Meta tkun qed tieħu deċiżjoni dwar il-metodoloġija li għandha tiġi adottata sabiex issir il-valutazzjoni tal-adegwatezza, id-ditta għandha tqis it-tip u l-karatteristiċi tas-servizzi li jiġu provduti u, b'mod aktar ġenerali, il-mudell kummerċjali tagħha. Pereżempju, meta ditta timmaniġġja portafoll jew tipprovdi pariri lil klijent fir-rigward tal-portafoll tiegħu, hija għandha tadotta metodoloġija li tippermettilha twettaq valutazzjoni tal-adegwatezza abbażi tal-kunsiderazzjoni tal-portafoll tal-klijent kollu kemm hu.

87. Meta twettaq valutazzjoni tal-adegwatezza, ditta li tipprovdi s-servizz ta' mmaniġġjar tal-portafoll, minn naħa waħda, għandha tivvaluta - f'konformità mat-tieni punt tal-paragrafu 38 ta' dawn il-linji gwida - l-għarfien u l-esperjenza tal-klijent fir-rigward ta' kull tip ta' strument finanzjarju li jista' jiġi inkluż fil-portafoll tiegħu, u t-tipi ta' riskji involuti fl-immaniġġar tal-portafoll tiegħu. Skont il-livell ta' kumplessità tal-istrumenti finanzjarji involuti, id-ditta għandha tivvaluta l-għarfien u l-esperjenza tal-klijent b'mod aktar speċifiku milli biss abbażi tat-tip li l-istrument jappartjeni għalih (eż. dejn subordinat minflok bonds b'mod ġenerali). Min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja u tal-objettivi tal-investiment tal-klijent, il-valutazzjoni tal-adegwatezza dwar l-impatt tal-istrument(i) u tat-tranżazzjoni(jiet) tista' ssir fil-livell tal-portafoll kollu kemm hu. Fil-prattika, jekk il-ftehim tal-immaniġġar tal-portafolli jiddefinixxi l-istrateġija tal-investiment li tkun xierqa għall-klijent f'biżżejjed dettall fir-rigward tal-kriterji tal-adegwatezza ddefiniti mill-MiFID II u li se jiġu segwiti mid-ditta, il-valutazzjoni tal-adegwatezza tad-deċiżjonijiet tal-investiment tista' ssir mal-istrateġija tal-investiment, kif jiġi ddefinit fil-ftehim tal-immaniġġar tal-portafolli u l-portafoll tal-klijent kollu kemm hu għandu jirrifletti din l-istrateġija tal-investiment miftiehma.

Meta ditta twettaq valutazzjoni tal-adegwatezza abbażi tal-kunsiderazzjoni tal-portafoll tal-klijent kollu kemm hu fi ħdan is-servizz tal-pariri dwar l-investiment, dan ifisser li, minn naħa waħda, il-livell ta' għarfien u esperjenza tal-klijent għandu jiġi vvalutat fir-rigward ta' kull prodott ta' investiment u tar-riskji involuti fit-tranżazzjoni relatata. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja u tal-objettivi tal-investiment tal-klijent, il-valutazzjoni tal-adegwatezza dwar l-impatt tal-prodott u tat-tranżazzjoni tista' ssir fil-livell tal-portafoll tal-klijent.

88. Meta ditta twettaq valutazzjoni tal-adegwatezza bbażata fuq il-kunsiderazzjoni tal-portafoll tal-klijent kollu kemm hu, tista' tivvaluta l-adegwatezza fir-rigward tal-preferenzi ta' sostenibbiltà, pereżempju, billi tapplika dawk il-preferenzi (inkluż il-proporzjon minimu li għandu jiġi investit f'investimenti b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà[29]) bħala medja fil-livell tal-portafoll kollu kemm hu jew fil-livell tal-parti/perċentwal tal-portafoll li l-klijent jixtieq li jiġi investit fi prodotti b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà[30].

89. Meta ditta twettaq valutazzjoni tal-adegwatezza abbażi tal-kunsiderazzjoni tal-portafoll tal-klijent kollu kemm hu, hija għandha tiżgura grad xieraq ta' diversifikazzjoni fi ħdan il-portafoll tal-klijent, filwaqt li tqis l-iskopertura tal-portafoll tal-klijent għar-riskji finanzjarji differenti (skopertura ġeografika, skopertura għall-munita, skopertura għall-klassi tal-ass, eċċ.). F'każijiet fejn, pereżempju, mill-perspettiva tad-ditta, id-daqs ta' portafoll tal-klijent ikun żgħir wisq biex jippermetti diversifikazzjoni effettiva f'termini tar-riskju ta' kreditu, id-ditta tista' tikkunsidra li tmexxi dawk il-klijenti lejn tipi ta' investimenti li jkunu "assigurati" jew diversifikati per se (bħal pereżempju, fond ta' investiment diversifikat).

Id-ditti għandhom ikunu speċjalment prudenti fir-rigward tar-riskju tal-kreditu: għandha tiġi kkunsidrata b'mod partikolari l-iskopertura tal-portafoll ta' klijent lil emittent wieħed jew lil emittenti li jagħmlu parti mill-istess grupp. Dan għaliex jekk il-portafoll ta' klijent ikun ikkonċentrat fi prodotti li jinħarġu minn entità waħda (jew entitatjiet tal-istess grupp), fil-każ ta' inadempjenza ta' dik l-entità, il-klijent jista' jitlef l-investiment kollu tiegħu. Meta jkunu qed jaħdmu permezz ta' hekk imsejħa mudelli ta' sejba ta' impjieg mill-persuna nnifisha, id-ditti jiġu mfakkra dwar l-Istqarrija tal-2016 tal-ESMA dwar il-BRRD[31], li skontha "*huma għandhom jevitaw konċentrazzjoni eċċessiva ta' investiment fi strumenti finanzjarji li jkunu soġġetti għar-reġim ta' riżoluzzjoni maħruġ mid-ditta nfisha jew minn entitajiet tal-istess grupp*". Għalhekk, minbarra l-metodoloġiji li għandhom jiġu implimentati għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-prodotti (ara l-linja gwida 7), id-ditti għandhom ukoll jadottaw miżuri u proċeduri *ad hoc* sabiex jiżguraw li l-konċentrazzjoni fir-rigward tar-riskju ta' kreditu tiġi identifikata, ikkontrollata u mmitigata b'mod effettiv (pereżempju, tista' tiġi inkorporata l-identifikazzjoni ta' limiti *ex ante*)[32].

[29] Ara l-paragrafu 26 tal-linji gwida.
[30] Ara l-paragrafu 29 tal-linji gwida.
[31] Ara "Il-prattiki tal-MiFID għad-ditti li jkunu qed ibigħu strumenti finanzjarji soġġetti għar-reġim ta' riżoluzzjoni tal-BRRD" (ESMA/2016/902).
[32] Għal dan il-għan, f'konformità mal-Istqarrija tal-ESMA, id-ditti għandhom iqisu wkoll il-karatteristiċi speċifiċi tat-titoli offruti (inklużi l-karatteristiċi tar-riskju tagħhom u ċ-ċirkostanzi tal-emittent), kif ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tal-klijenti, inkluża l-kapaċità tagħhom li jġorru t-telf, u l-objettivi tal-investiment tagħhom, inkluż il-profil tar-riskju tagħhom.

90. Sabiex jiżguraw il-konsistenza tal-valutazzjoni tal-adegwatezza li ssir permezz ta' għodod awtomatizzati (anki jekk l-interazzjoni mal-klijenti ma seħħitx permezz ta' sistemi awtomatizzati), id-ditti għandhom jimmonitorjaw u jittestjaw regolarment l-algoritmi li jsejsu l-adegwatezza tat-tranżazzjonijiet rakkomandati jew li twettqu f'isem il-klijenti. Meta jkunu qed jiddenfinixxu dawn l-algoritmi, id-ditti għandhom iqisu n-natura u l-karatteristiċi tal-prodotti li jiġu inklużi fl-offerta tagħhom lill-klijenti. B'mod partikolari, id-ditti mill-inqas għandhom:

- jistabbilixxu dokumentazzjoni xierqa tad-disinn tas-sistema li tistipula b'mod ċar l-iskop, il-kamp ta' applikazzjoni u d-disinn tal-algoritmi. Is-siġar tad-deċiżjonijiet jew ir-regoli tad-deċiżjonijiet għandhom jiffurmaw parti minn din id-dokumentazzjoni, fejn ikun rilevanti;

- ikollhom strateġija tal-ittestjar dokumentata li tispjega l-kamp ta' applikazzjoni tal-ittestjar tal-algoritmi. Dan għandu jinkludi pjanijiet tal-ittestjar, każijiet tal-ittestjar, riżultati tal-ittestjar, riżoluzzjoni tad-difetti (jekk rilevanti), u riżultati tal-ittestjar finali;

- ikollhom fis-seħħ politiki u proċeduri xierqa sabiex jiġġestixxu kwalunkwe bidla li ssir fuq algoritmu, inkluż li jimmonitorjaw u jżommu rekord ta' kwalunkwe tali bidla. Dan jinkludi li jkollhom fis-seħħ arranġamenti ta' titoli sabiex jimmonitorjaw u jipprevjenu aċċess mhux awtorizzat għall-algoritmu;

- jirrieżaminaw u jaġġornaw l-algoritmi sabiex jiżguraw li dawn jirriflettu kwalunkwe bidla rilevanti (eż. bidliet fis-suq u bidliet fil-liġi applikabbli) li jistgħu jaffettwaw l-effettività tagħhom;

- ikollhom politiki u proċeduri fis-seħħ li jippermettu l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe żball fl-algoritmu u li dan jiġi indirizzat b'mod xieraq, inkluż, pereżempju, bis-sospensjoni tal-provvista ta' pariri jekk dak l-iżball aktarx jirriżulta f'pariri mhux xierqa u/jew fi ksur tal-liġi/tar-regolament rilevanti;

- ikollhom fis-seħħ riżorsi adegwati, inklużi riżorsi umani u teknoloġiċi, sabiex jimmonitorjaw u jissorveljaw il-prestazzjoni tal-algoritmi permezz ta' rieżami tal-pariri li jkunu ngħataw; u

- ikollhom fis-seħħ proċessi ta' approvazzjoni interni sabiex jiżguraw li l-passi ta' hawn fuq ikunu ġew segwiti.

Spejjeż u kumplessità tal-prodotti ekwivalenti

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikolu 25(2) tal-MiFID II u l-Artikolu 54(9) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 9

91. Politiki u proċeduri tal-adegwatezza għandhom jiżguraw li, qabel ditta tieħu deċiżjoni dwar il-prodott(i) tal-investiment li se jiġi(u) rakkomandat(i), jew li se jsir investiment fil-

portafoll immaniġġjat f'isem il-klijent, għandha ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-alternattivi possibbli tal-investiment, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-kumplessità tal-prodotti.

Linji gwida ta' appoġġ

92. Id-ditti għandu jkollhom fis-seħħ proċess li jqis in-natura tas-servizz, il-mudell kummerċjali u t-tip ta' prodotti li jiġu provduti, sabiex jivvalutaw il-prodotti disponibbli li huma "ekwivalenti" għal xulxin f'termini tal-kapaċità li jissodisfaw il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-klijent, bħall-istrumenti finanzjarji bi swieq fil-mira simili u bi profil tar-riskju u tar-redditu simili.

93. Meta jkunu qed iqisu l-fattur tal-ispejjeż, id-ditti għandhom iqisu l-ispejjeż u l-imposti kollha li jiġu koperti mid-dispożizzjonijiet rilevanti skont l-Artikolu 24(4) tal-MiFID II u d-dispożizzjonijiet relatati tar-Regolament Delegat tal-MiFID II. Fir-rigward tal-kumplessità, id-ditti għandhom jirreferu għall-kriterji identifikati fil-linja gwida 7 ta' hawn fuq. Għad-ditti li jkollhom firxa ristretta ta' prodotti, jew dawk li jirrakkomandaw tip wieħed ta' prodott, fejn il-valutazzjoni ta' prodotti "ekwivalenti" tista' tkun limitata, huwa importanti li l-klijenti jkunu mgħarrfa bis-sħiħ dwar dawn iċ-ċirkostanzi. F'dan il-kuntest, huwa partikolarment importanti li l-klijenti jiġu pprovduti b'informazzjoni xierqa dwar kemm tkun ristretta l-firxa tal-prodotti, skont l-Artikolu 24(4)(a)(ii) tal-MiFID II[33].

94. Fejn ditta tuża strateġiji ta' portafolli komuni jew proposti ideali ta' investiment li japplikaw għal klijenti differenti bl-istess profil ta' investiment (kif jiġi ddeterminat mid-ditta), il-valutazzjoni tal-ispejjeż u tal-kumplessità għal prodotti "ekwivalenti" tista' ssir fuq livell ogħla, b'mod ċentrali, (pereżempju fi ħdan kumitat ta' investiment jew kwalunkwe kumitat ieħor li jiddefinixxi strateġiji ta' portafolli komuni jew proposti ideali ta' investiment) minkejja li ditta xorta se jkollha bżonn tiżgura li l-prodotti ta' investiment li jintgħażlu jkunu xierqa u jissodisfaw il-profil tal-klijenti tagħhom fuq bażi individwalizzata.

95. Id-ditti għandhom ikunu kapaċi jiġġustifikaw dawk is-sitwazzjonijiet fejn prodott li jiswa aktar flus jew huwa aktar kumpless jintgħażel jew jiġi rakkomandat fuq prodott ekwivalenti, filwaqt li jqisu l-proċess tal-għażla tal-prodotti fil-kuntest ta' pariri dwar l-investiment u mmaniġġjar tal-portafolli, jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll aktar kriterji (pereżempju: id-diversifikazzjoni, il-likwidità, jew il-livell ta' riskju tal-portafoll). Id-ditti għandhom jiddokumentaw u jżommu rekord dwar dawn id-deċiżjonijiet, peress li dawn id-deċiżjonijiet għandhom jeħtieġu attenzjoni speċifika minn funzjonijiet ta' kontroll fi ħdan id-ditta. Id-dokumentazzjoni rispettiva għandha tkun soġġett għal rieżamijiet interni. Meta jkunu qed jipprovdu pariri dwar l-investiment, id-ditti jistgħu, għal raġunijiet speċifiċi ddefiniti sew, jiddeċiedu wkoll li jinfurmaw lill-klijent bid-deċiżjoni li jagħżlu strument finanzjarju li jiswa l-aktar flus u huwa l-aktar kumpless.

[33] F'konformità mal-MiFID II, id-ditti għalhekk mhumiex mistennija li jqisu l-univers kollu ta' għażliet ta' investiment possibbli li jeżistu fis-suq sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit skont l-Artikolu 54(9) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

L-ispejjeż u l-benefiċċji tal-qlib ta' investimenti

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikoli 16(2) u 25(2) tal-MiFID II, u l-Artikolu 54(11) u (12) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 10

96. Id-ditti għandu jkollhom politiki u proċeduri adegwati fis-seħħ sabiex jiżguraw li sseħħ analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji ta' bidla b'mod li d-ditti jkunu raġonevolment kapaċi juru li l-benefiċċji mistennija tal-bidla jkunu ogħla mill-ispejjeż. Id-ditti għandhom jistabbilixxu wkoll kontrolli xierqa sabiex jevitaw kwalunkwe ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti rilevanti tal-MiFID II.

Linji gwida ta' appoġġ

97. Għall-finijiet ta' din il-linja gwida, deċiżjonijiet ta' investiment, bħar-riekwilibriju ta' portafoll li jkun qed jiġi mmaniġġjat, fil-każ ta' "strateġija passiva" sabiex jiġi rreplikat indiċi (kif jiġi miftiehem mal-klijent) li normalment ma jitqiesx bħala bidla. Biex jiġu evitati dubji, kwalunkwe tranżazzjoni li ma żżommx dawn il-limiti ma titqiesx bħala bidla. Għal klijenti professjonali per se, l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tista' ssir fuq livell ta' strateġija tal-investiment.

98. Id-ditti għandhom iqisu l-informazzjoni kollha neċessarja, sabiex ikunu jistgħu jwettqu analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tal-bidla, jiġifieri valutazzjoni tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi tal-investiment(i) il-ġdid(ġodda) kkunsidrat(i). Meta jkunu qed iqisu d-dimensjoni tal-ispejjeż, id-ditti għandhom iqisu l-ispejjeż u l-imposti kollha li jiġu koperti mid-dispożizzjonijiet rilevanti skont l-Artikolu 24(4) tal-MiFID II u d-dispożizzjonijiet relatati tar-Regolament Delegat tal-MiFID II. F'dan il-kuntest, kemm il-fatturi monetarji kif ukoll dawk mhux monetarji tal-ispejjeż u tal-benefiċċji jistgħu jkunu rilevanti. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju:

- ir-redditu nett mistenni tat-tranżazzjoni alternattiva proposta (li tikkunsidra wkoll kwalunkwe spiża bil-quddiem li għandha titħallas mill-klijent(i)) kontra r-redditu nett mistenni tal-investiment eżistenti (li għandu jqis kwalunkwe spiża tal-ħruġ li l-klijent(i) jista'(jistgħu) jġarrab(jġarrbu) biex ineħħi(u) l-investiment mill-prodott li diġà jinsab fil-portafoll tiegħu/tagħhom);

- bidla fiċ-ċirkostanzi u fil-ħtiġijiet tal-klijent, li tista' tkun ir-raġuni biex tiġi kkunsidrata l-bidla, eż. il-ħtieġa għal likwidità fil-perjodu ta' żmien qasir bħala konsegwenza ta' avveniment tal-familja li ma jkunx mistenni jew ippjanat;

- bidla fil-karatteristiċi tal-prodotti u/jew fiċ-ċirkostanzi tas-suq, li tista' tkun raġuni biex titqies bidla fil-portafoll(i) tal-klijent(i), eż. jekk prodott isir illikwidu minħabba x-xejriet fis-suq;

- benefiċċji għall-portafoll tal-klijent li jirriżultaw mill-bidla, bħal (i) żieda fid-diversifikazzjoni tal-portafoll (skont iż-żona ġeografika, it-tip ta' strument, it-tip ta'

emittent, eċċ.); (ii) aktar allinjament tal-profil tar-riskju tal-portafoll mal-objettivi tar-riskju tal-klijent; (iii) żieda fil-likwidità tal-portafoll; jew (iv) tnaqqis fir-riskju tal-kreditu ġenerali tal-portafoll;

99. Meta jkunu qed jiġu provduti pariri dwar l-investiment, spjegazzjoni ċara tar-raġunijiet għaliex il-benefiċċji tal-bidla rrakkomandata ikunu akbar mill-ispejjeż tagħha għandha tiġi inkluża fir-rapport tal-adegwatezza li d-ditta għandha tipprovdi lill-klijent mhux professjonali qabel issir it-tranżazzjoni.

100. Id-ditti għandhom ukoll jadottaw sistemi u kontrolli sabiex jimmonitorjaw ir-riskju li jevitaw l-obbligu li jivvalutaw l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-bidla rrakkomandata, pereżempju f'sitwazzjonijiet fejn pariri biex jinbigħ prodott jiġu segwiti minn pariri biex jinxtara prodott ieħor aktar tard (eż. jiem wara), iżda ż-żewġ tranżazzjonijiet fil-fatt kienu strettament relatati mill-bidu.

101. Fejn ditta tuża strateġiji ta' portafolli komuni jew proposti ideali ta' investiment li japplikaw għal klijenti differenti bl-istess profil ta' investiment (kif jiġi ddeterminat mid-ditta), l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ta' bidla tista' ssir fuq livell ogħla milli fil-livell ta' kull klijent individwali jew kull tranżazzjoni individwali. B'mod aktar speċjali, meta bidla tiġi deċiża b'mod ċentrali, pereżempju fi ħdan kumitat ta' investiment jew kwalunkwe kumitat ieħor li jkunu qed jiddefinixxi strateġiji ta' portafolli komuni jew proposti ideali ta' investiment, l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tista' ssir fil-livell ta' dak il-kumitat. Jekk din il-bidla tiġi deċiża b'mod ċentrali, l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li tkun saret f'dak il-livell normalment tkun tapplika għall-portafolli kollha komparabbli tal-klijent mingħajr ma ssir valutazzjoni għal kull klijent individwali. Barra minn hekk, f'din is-sitwazzjoni, id-ditta tista' tiddetermina, fil-livell tal-kumitat rilevanti, ir-raġuni għaliex bidla li tkun ġiet deċiża ma tkunx se ssir għal ċerti klijenti. Minkejja li l-analiżi tal-ispejjeż meta mqabbla mal-benefiċċji tkun tista' ssir f'livell ogħla f'dawn is-sitwazzjonijiet, id-ditta, madankollu, għandu jkollha kontrolli xierqa fis-seħħ sabiex tivverifika li ma jkun hemm l-ebda karatteristika partikolari ta' ċerti klijenti li tista' tirrikjedi livell ta' analiżi aktar diskret.

102. Fejn maniġer tal-portafoll ikun qabel dwar mandat u strateġija ta' investiment imfassla aktar apposta ma' klijent minħabba l-ħtiġijiet ta' investiment speċifiċi tal-klijent, analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tal-bidla fil-livell tal-klijent għandha tkun aktar xierqa, f'kuntrast ma' dan ta' hawn fuq.[34]

103. Minkejja dan ta' hawn fuq, jekk maniġer tal-portafoll iqis li l-kompożizzjoni jew il-parametri ta' portafoll għandhom jinbidlu b'mod li ma jkunx permess mill-mandat maqbul mal-klijent (eż. minn strateġija li tiffoka fuq l-ekwitajiet għal waħda li tiffoka fuq l-introjtu), il-maniġer tal-portafoll għandu jiddiskuti dan mal-klijent u jirrieżamina jew iwettaq valutazzjoni tal-adegwatezza ġdida biex jiġi maqbul mandat ġdid.

[34] Għal relazzjonijiet ma' klijenti professjonali, ara l-paragrafu 89.

I.IV REKWIŻITI RELATATI OĦRA

Kwalifiki tal-persunal tad-ditta

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikoli 16(2), 25(1) and 25(9) tal-MiFID II u l-Artikolu 21(1)(d) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 11

104. Id-ditti huma meħtieġa jiżguraw li l-persunal li jkun involut fl-aspetti materjali tal-proċess tal-adegwatezza jkollu livell adegwat ta' ħiliet, tagħrif u għarfien espert.

Linji gwida ta' appoġġ

105. Il-persunal irid jifhem ir-rwol li għandu fil-proċess tal-valutazzjoni tal-adegwatezza u jkollu l-ħiliet, it-tagħrif u l-għarfien espert neċessarji, inkluż għarfien suffiċjenti tar-rekwiżiti u tal-proċeduri regolatorji rilevanti, biex jaqdi r-responsabbiltajiet tiegħu.

106. Il-persunal jeħtieġlu jkollu l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa skont l-Artikolu 25(1) tal-MiFID II (u speċifikati aktar fil-Linji Gwida tal-ESMA għall-valutazzjoni tal-għarfien u l-kompetenza[35]), inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza. Il-persunal għandu jkollu wkoll l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa fir-rigward tal-kriterji tal-preferenzi ta' sostenibbiltà kif speċifikati fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II u jkun jista' jispjega lill-klijenti l-aspetti differenti f'termini mhux tekniċi. Għal dak il-għan, id-ditti għandhom jagħtu lill-persunal taħriġ xieraq.

107. Persunal ieħor li ma jħabbatx wiċċu direttament mal-klijenti iżda li jkun involut fil-valutazzjoni tal-adegwatezza b'xi mod ieħor xorta jeħtieġlu jkollu l-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenza neċessarija li huma meħtieġa skont ir-rwol partikolari tiegħu fil-proċess tal-adegwatezza [36] . Dan jista' jirrigwarda, pereżempju, it-tfassil ta' kwestjonarji, id-definizzjoni ta' algoritmi li jirregolaw il-valutazzjoni tal-adegwatezza jew aspetti oħra neċessarji biex issir il-valutazzjoni tal-adegwatezza u li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-adegwatezza.

108. Fejn ikun rilevanti, meta jkunu qed iħaddmu għodod awtomatizzati (inklużi għodod ibridi), id-ditti tal-investiment għandhom jiżguraw li l-persunal tagħhom li jkun involut fl-attivitajiet relatati mad-definizzjoni ta' dawn l-għodod:

    (a) ikollu fehim xieraq tat-teknoloġiji u tal-algoritmi li jintużaw sabiex jingħataw pariri diġitali (b'mod partikolari, ikun kapaċi jifhem ir-raġunament, ir-riskji u r-regoli wara l-algoritmi li jsejsu l-pariri diġitali); u

[35] Ref: ESMA71-1154262120-153 EN (rev).
[36] L-ESMA tinnota li xi Stati Membri jirrikjedu ċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jipprovdi pariri dwar l-investiment u/jew immaniġġar tal-portafolli, jew sistemi ekwivalenti, sabiex jiżguraw livell xieraq ta' tagħrif u għarfien espert tal-persunal li jkun involut fl-aspetti materjali tal-proċess tal-adegwatezza.

(b) ikun kapaċi jifhem u jirrieżamina l-pariri diġitali/awtomatizzati li jiġu ġġenerati mill-algoritmi.

Żamma tar-rekords

Leġiżlazzjoni rilevanti: L-Artikoli 16(6), 25(5) u 25(6) tal-MiFID II, u l-Artikoli 72,73, 74 u 75 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

Linja gwida ġenerali 12

109. Id-ditti mill-inqas għandhom:

(a) iżommu arranġamenti ta' reġistrazzjoni u ta' retensjoni xierqa sabiex jiżguraw żamma ta' rekords ordnata u trasparenti fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza, inkluż il-ġbir ta' informazzjoni mill-klijent, kwalunkwe parir dwar l-investiment li jiġi provdut u l-investimenti (u l-iżvestimenti) kollha li jsiru wara li tkun saret il-valutazzjoni tal-adegwatezza, u r-rapporti tal-adegwatezza relatati li jiġu provduti lill-klijent;

(b) jiżguraw li l-arranġamenti taż-żamma tar-rekords ikunu mfassla sabiex jippermettu l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza (għall-bejgħ inadatt);

(c) jiżguraw li r-rekords kollha li jinżammu, inklużi r-rapporti tal-adegwatezza li jiġu provduti lill-klijenti, ikunu aċċessibbli għall-persuni rilevanti fid-ditta, u għall-awtoritajiet kompetenti;

(d) ikollhom proċessi adegwati sabiex jimmitigaw kwalunkwe nuqqas jew limitazzjoni tal-arranġamenti taż-żamma tar-rekords.

Linji gwida ta' appoġġ

110. L-arranġamenti taż-żamma tar-rekords li jiġu adottati mid-ditti jridu jkunu mfassla sabiex jippermettu lid-ditti jintraċċaw ex-post għaliex investiment (jew żvestiment) ikun sar u għaliex pariri dwar l-investiment ikunu ngħataw anki meta l-pariri ma rriżultawx f'investiment (jew żvestiment) reali. Dan jista' jkun importanti fil-każ ta' tilwima bejn klijent u d-ditta. Dan jista' jkun importanti wkoll għal skopijiet ta' kontroll - pereżempju, kwalunkwe nuqqas fiż-żamma tar-rekords jista' jxekkel il-valutazzjoni ta' awtorità kompetenti tal-kwalità tal-proċess tal-adegwatezza ta' ditta, u jista' jdgħajjef il-kapaċità tal-maniġment li jidentifika r-riskji ta' bejgħ inadatt.

111. Għalhekk, ditta hija meħtieġa li tirreġistra l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza, bħal informazzjoni dwar il-klijent (inkluż kif dik l-informazzjoni tintuża u tiġi interpretata sabiex jiġi ddefinit il-profil tar-riskju tal-klijent), u informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji li jiġu rrakkomandati lill-klijent jew li jinxtraw f'isem il-klijent, kif ukoll ir-rapport tal-adegwatezza li jiġi provdut lill-klijenti. Dawn ir-rekords għandhom jinkludu:

- kwalunkwe bidla li ssir mid-ditta fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza, b'mod partikolari kwalunkwe bidla għall-profil tar-riskju tal-investiment tal-klijent.

- it-tipi ta' sturmenti finanzjarji li jixirqu għal dak il-profil u r-raġunament għal tali valutazzjoni, kif ukoll kwalunkwe bidla u r-raġunijiet għaliha.

- is-sitwazzjonijiet fejn il-preferenzi ta' sostenibbiltà ta' klijent jiġu adattati f'konformità mal-Artikolu 54(10) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, inkluża spjegazzjoni ċara tar-raġunijiet għal tali adattament.

112. Id-ditti għandhom jifhmu r-riskji addizzjonali li jistgħu jaffettwaw il-provvista ta' servizzi ta' investiment permezz ta' għodod online/diġitali bħal attività ċibernetika malizzjuża, u għandu jkollhom fis-seħħ arranġamenti li jkunu kapaċi jimmitigaw dawk ir-riskji.[37]

[37] Id-ditti għandhom jikkunsidraw dawn ir-riskji mhux biss fir-rigward tad-dispożizzjonijiet iddikjarati fil-linja gwida, iżda wkoll bħala parti mill-obbligi usa' ta' ditta skont l-Artikolu 16(4) tal-MiFRID II biex jieħdu passi raġonevoli sabiex jiżguraw il-kontinwità u r-regolarità fil-prestazzjoni tas-servizzi u tal-attivitajiet ta' investiment, u r-rekwiżiti korrispondenti ta' atti delegati marbutin ma' dan.